# ĠIMGĦA MQADDSA 2014



**Għaqda Każin Banda San Filep**
**AD 1851**

# Home Insurance




## Because there's no place like home

*premium based on average property sum insured

Visit our branch in Gate Avenue, **Ħaż-Żebbuġ**
**2557 9402 • www.citadelplc.com**

Citadel
insurance

Citadel Insurance p.l.c. • Casa Borgo • 26 Market Street • Floriana FRN 1082 • Tel: 2557 9000 • Freephone 800 72322 • E-mail: info@citadelplc.com
***Branches:*** Il-Gżira 21332151 • Ħaż-Żebbuġ 21464873 • In-Naxxar 21419198 • Paola 21806247 • San Ġwann 27330044 • Iż-Żejtun 21807779 • Victoria, Gozo 21566660
***Tied Insurance Intermediaries:*** Malta • Gozo

Citadel Insurance p.l.c. is a company authorised to carry on general and long term business of insurance and is regulated by the Malta Financial Services Authority.

# L-Iskop tal-Wirjiet Sagri

**Patri Philip Cutajar OFM**
**Direttur Spiritwali**

Permezz ta' dan il-fuljett li ġie f'idejk, inti qed tiġI mistieden sabiex tidħol f'parti mill-binja tal-Każin San Filep, Ħaż-Żebbuġ, bl-għan li tara waħda mill-ħafna wirjiet sagri li jsiru matul il-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Nirringrazzjawk li qed tilqa' din l-istedina, ibqa' żgur li mhux ser jiddispjaċik. Żgur li ser tara xogħol magħmul b'arti, b'attenzjoni kbira u mhux inqas b'imħabba u devozzjoni. Osserva d-dettalji tax-xogħol, il-finezza tal-ilbies u mhux inqas l-ambjent li fih qed jiġu ppreżentati id-diversi xeni li jibdew mill-Aħħar Ikla tal-Mulej mal-Appostli sa dakinhar tal-Qawmien ta' Ġesù mill-imwiet.

Imma importanti li ma tiqafx tħares u tammira biss dak li qed tara b'għajnejk. Bil-ħsieb u l-intelliġenza li tak Alla għamel l-isforz tiegħek u mur lil hemm mill-figuri u s-simboli li qed tara fid-diversi kwadri. Kull figura u kull simbolu hemm xi ħaġa aktar nobbli moħbija warajhom. Kull kwadru huwa bħal '*prietka*', huwa bħal '*katekeżi*' li joffri tagħlim siewi għall-ħajja nisranija tagħna lkoll. Toħroġx minn din il-wirja billi tgħid biss: "Kemm hi sabiħa"! Imma oħroġ minn din il-wirja b'qalbek mimlija bit-tifsiriet li hemm marbuta ma' kull kwadru li din il-wirja qed toffrilek.

Inti u miexi tara kwadru wara l-ieħor agħmel il-ħila tiegħek u mmedita dwar x'għamel Ġesù għalija u għalik sabiex isalvana mid-dnub. Immedita l-kobor tal-imħabba ta' Alla li sar bniedem fil-persuna Ġesù Kristu. Ammira mhux daqstant l-arti u x-xogħol u tieqaf hemm, imma ammira aktar x'għamel Ġesù meta bil-passjoni u l-mewt tiegħu ta lilu nnifsu għall-imħabba tagħna.

Oħroġ minn din il-Wirja Sagra aktar deċiż li inti ser tieħu aktar bis-serjetà lil Ġesù f'ħajtek hekk kif hu tant lilek ħadek bis-serjetà li WASAL BIEX MIET GĦALIK. Imħabba titpatta b'imħabba oħra. Fittex li tħobb aktar lil Ġesù li hu tant ħabbek li wasal biex jagħti ħajtu għalik.

L-GĦID IT-TAJJEB LILEK U LILL-FAMILJA TIEGĦEK!











Ftuħ
tal-Wirjiet
tal-Ġimgħa
Mqaddsa 2013
fil-Każin Banda
San Filep
mill-Professur
Oliver Friggieri









Mro Michael Ciantar idderieġa l-banda taż-żgħażagħ. Tkellmu Mario Coleiro, Josef Cachia, il-Profs. Friġġieri u Dr Philip Sciortino, waqt li Philip Zammit qara poeżija. Graziella Attard u Tanya Borg kienu l-compères.



# Programm tal-Ftuħ tal-Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa

## Fil-Każin Banda San Filep

**Presedut minn Mons. Victor Zammit McKeon**

bis-sehem tal-Banda taż-Żgħażagħ fi ħdan il-Banda San Filep
taħt id-direzzjoni ta' Mro Michael Ciantar
l-Erbgħa 9 t'April 2014, fis-7.30pm

- **Merħba mill-Kumitat Organizzattiv**
- **Banda:**
  - **Tranquil Sky** — Larry Neeck
  - **Cinema Paradiso** — Ennio Morricone (Saxophone Soprano - Ylenia Magri)
  - **Diskors tal-okkażjoni** minn Dr Joseph F. Grima
    L-Oriġini tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta.
- **Banda:**
  - **Agnus Dei** — G. Bizet (Euphonium Solo - James Zerafa)
  - **Remembrance** (Marcia Funebre) — Garafalo
  - **Hallelujah** — G.F.Handel
- **Diskorsi tal-għeluq**
  - Mons Victor Zammit McKeon
  - Dr Philip Sciortino President tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851
- **Inawgurazzjoni u tberik tal-Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa**
  minn Mons. V. Zammit McKeon.
  Compère: Tanya Borg

Il-Banda San Filep takkumpanja l-purċissjoni tal-Irxoxt
li toħroġ mill-Parroċċa ta' San Filep
nhar l-Għid il-Kbir, 20 t'April 2014 filgħodu.

# Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa b'seba' taqsimiet

## Każin Banda San Filep, 12, Misraħ San Filep

Wirja b'tiżwiqa ta' xogħlijiet artistiċi ppreżentati b'effetti viżivi u akkumpanjati b'kummentarji informattivi u mtellgħin b'mod professjonali fuq disinn ta' Alfred Camlleri Cauchi. Il-wirja qiegħda f'bini wieħed u hija mqassma hekk:

1. **Iċ-Ċenaklu** *(f'kantina antika)*
2. **Il-Kruċifissjoni** *(f'sala kbira fis-sular ta' fuq)*
3. **Id-Difna** *(f'xelter taħt l-art)*

   L-istatwi kbar (lifesize) f'dawn it-tliet taqsimiet huma xogħol il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi.

4. **Sett ta' vari żgħar** *(maħduma minn l-aħwa Joseph u Anthony Magri)*
5. **Sett ta' xeni mill-Via Crucis** *(alto-riljevi xogħol l-artist Antonio Mifsud)*
6. **Il-Qawmien** (awdjo-viżiva)
7. **Filmat tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-1928** *(fuq skrin kbir)*

Ħinijiet tal-ftuħ:

- mill-Ħamis 10 sal-Ġimgħa 18 ta' April 2014: 10.00am - 12.00 u 18.00 - 21.00
- Ħamis ix-Xirka: 10.00am - 12.00 u 18.00 - 23.00
- Il-Ġimgħa l-Kbira: 10:00am - 13:00 u 16:00 - 22:00

Id-dħul għal din il-wirja huwa minn Triq Sciortino kif ukoll minn Misraħ San Filep.






ATTRANS
Established 1976
INTERNATIONAL TRANSPORT
Malta Office
Attrans Ltd
Attrans Depot, Mdina Road
Zebbug, Malta
Tel : +356 22585500
Fax : +356 21465675
Email : info@attrans.com
Benelux Office
Attrans B.V.
Kelvinring 24, 2952BG Alblasserdam
The Netherlands
Tel : + 31 78 6920820
Fax : + 31 78 6920829
Email : info.nl@attrans.com






Partijiet mill-Wirja





Is-Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ,
Is-sur Alfred Grixti u l-mara
tiegħu jawguraw L-Għid
it-Tajjeb liż-Żebbuġin Kollha.



# Kollox Mitmum

minn Joseph Bonnici

**Ħsieb:** Din il-poeżija li qisha djalogu, hija mibnija fuq it-tmiem ta' Ġesù meqjus bħala Alla, bniedem u Re. Fl-istrofi tagħha jissemma t-tmiem tiegħu bil-fidwa. Qiegħed jissemma wkoll ix-xogħol imwettaq minnu bil-mirakli, u bl-għoti tal-istess maħfra li ta fuq salib minkejja dak kollu li sar miegħu mill-bniedem, daqstant li minħabba f'hekk ġismu tbiċċer. Iżda l-aħħar tmiem ma għamlux hu għaliex fil-qagħda li kien ma setax, u dan ħa ħsiebu ħaddieħor.

Int temmejt il-fidwa b'għemilek,
fi żmien hekk misluf ta' kemm ilek,
sabiex tressaq il-popli lejk,
ħa jindmu minn dnubiethom,
u waqt tnikkit f'karbithom;
għedt fuq salib, ngħaddi f idejk.

Ġismek ukoll wasal biex intemm,
għaliex għadda minn mixjiet, minn kemm,
sal mewt, bis-swat u tagħbija,
li ġew għax il-ġnus m'emmnukx;
u sa l-aħħar ma ċeknukx,
għax żammewk b'Re mil-Lhudija.

Ix-xogħol tiegħek ma' dak tal-bniedem
spiċċajt, biex ġibt lil kulħadd niedem,
u kellek tagħmel ħwejjeġ kbar,
biex tirnexxi fl-għan tiegħek,
għaliex Alla kien miegħek,
b'mirakli li mal-bniedem sar.

Issa wasalt fl-aħħar ta' ħajtek,
titlob lejn sema lilek rajtek,
biex ukoll lill-ħalliel tħares;
b'hekk urejt li bqajt magħna,
minkejja ħtija tagħna,
u f'ħajjitna sqejnik qares.

Iżda dan l-aħħar tmiem ma kontx int
li wettaqt, għax ma kontx tgħarrfek x'int;
mejjet bla sura, x'ħin keffnuk,
meddewk, dilkuk; u għalhekk
kien ħaddieħor l-għamel hekk,
li kif lesta kollox, difnuk.

9-08-2013

centre point.
STATIONERY

FOR ALL YOUR STATIONERY NEEDS, GREETING CARDS,
TOYS & GIFTS FOR ALL OCCASSIONS, PHOTOCOPY, BINDING &
LAMINATION SERVICE, BOOK COVERING, INK CARTRIDGES...

SMART CARD ACCEPTED

VJAL IL-ĦELSIEN, ŻEBBUĠ
TEL: 2146 1500

Find us on Facebook

Pinto

*Pastizzeria & Confectionery*

**Caterers for all Functions**

Robert Mercieca
*Proprietor*

**Triq iċ-Ċawsli, Qormi**
**Tel: 2744 2887 (Dolceria), 2144 0373 (Shop)**
**Mob: 9994 3394, 7744 0373**



# Indiema u Konverżjoni: Ninżlu fil-Fond ta’ Ħajjitna[1]

**Maqlub għall-Malti minn Philip Said**

Indiema u konverżjoni: ninżel fil-fond ta’ ħajti,
Immur lilhinn mill-mod ta’ kif kont naħseb qabel.
Bidla fid-direzzjoni, riċerka tax-xewqat moħbija fil-fond ta’ qalbi.

Li nfittex fil-fond, lilhinn minn drawwiet konvenzjonali
Hu filfatt proċess ta’ fejqan, indiema u konverżjoni.
“X’qed jiġri hawn, fil-fond, ġewwa fija?”
“X’qed jiġri taħt il-qoxra ta’ barra li tidher?”
“X’hemm moħbi fl-inkonxju li qiegħed jikkontrolla ’l ħajti?”
Mistoqsijiet kritiċi tassew dawn li jwasslu għal indiema u bidla ġewwinija.

Li tinfetaħ għall-ġrieħi moħbija fl-inkonxju mdallam tiegħek
Ifisser li twaqqa’ l-maskri tal-apparenza, li twaqqa’ l-barrieri
Bejn ir-realta’ u l-istħajjil, li tikxef il-veru jien vulnerabbli u fraġli
Biex tibda l-proċess tal-fejqan mill-ġrieħi moħbija iżda le imfejqa.

Huwa dan il-ftuħ għall-vulnerabilità moħbija tal-jien li jiftaħ il-bieb ta’ qalbna
Għat-tgħanniqa ħelwa ta’ Alla tal-ħniena li jrid jinżel u jitbaxxa lejna.
Hu dan il-mument tal-laqgħa ma’ ħniena li qatt ma tgħejja tħobbna,
Li qatt ma tistkerrah li tħares u tifhem il-miżerji tagħna bnedmin dgħajfa.
Hi l-ħniena żagħżugħa, dejjem imġedda li tfur għalina
Bl-istess qies ta’ ħniena li faret għall-mara adultera sogħbiena w niedma.
Hi ħniena divina li tegħleb u tfejjaq il-weġgħat moħbija tagħna mir-rifjut ta’ soċjetà
Maħkuma mill-preġudizzji, mill-vjolazzjoni tad-drittijiet, mill-esklużjoni soċjali
Tal-kultura tat-tqassis bla komprensjoni u kompassjoni tal-waqgħat tagħna fi triqtna.

Li ntellgħu fil-wiċċ il-weġgħat moħbija tagħna hu li mmorru lilhinn minna nfusna,
Li ma nagħmlux lilna nfusna il-punt uniku ta’ riferenza
Kif konna nagħmlu fl-egoismu u ċ-ċentriċismu tat-tfulija tagħna.
Ifisser li nħarsu dritt f’wiċċ il-problemi moħbija mhux solvuti fil-fond ta’ qalbna
U li baqgħu iħabbtuna. Li toħroġ għad-dawl dawn il-weġgħat moħbija
Iġib aktar ħelsien milli kieku nħalluhom mistura fl-inkonxju sigriet u mdallam ta’ ħajjitna.


SCISSORS SOUND
by Mary
89, Triq Santa Marija,
Żebbuġ
Tel. 79989031
Opening hours:
Monday closed
Tues/Thurs: 9.00-12.00, 3.00-6.00pm
Wed: 9.00am - 2.00pm
Fri /Sat: 9.00am – 6.00pm


We are so sure that you will love our Donuts that we are giving you one for free.
Buy One Donut Get One Free
Of Equal or lesser value.
Offer expires April 30.
1 coupon per customer.
the donut factory
Daily Made Smiles!
Be sure to try our selection of pure almond Figolli and Kwarezimal

Din hi s-sejħa ta' Alla tal-Ħniena għalina f'daż-żmien ta' indiema u konverżjoni:
"Oħorġu mill-ħabs tal-qabar għall-ħelsien tal-ħajja!"
Sejħa ta' stedina għall-ħajja, għall-ħelsien;
Kelma qawwija ta' kuraġġ mhux ta' ċanfira,
Għotja tal-id tal-ħbiberija biex iqajjimna min-ngħas tal-apatija,
Sejħa biex inqumu għall-okkażjoni ta' fejqan u bini mill-ġdid ta' ħajjitna,
Biex nagħrfu l-verita' u b'ħila w b'irġulija inħaddnuha magħna.

Li nifthu qalbna għal-livelli l-aktar profondi ta' ħajjitna
Ifisser li nqiegħdu subgħajna fuq il-feriti tagħna.
Tassew, li nisperjenzaw l-insigurtà tagħna ifixkilna u joħloq fina kriżi.
Iżda hu fil-kriżi li tara r-realtà u tibda t-triq tar-rikonċiljazzjoni
U fil-proċess jibdew jisfaw fix-xejn il-weġgħat moħbija,
Il-jasar f'libertà jinbidel, id-dalma ċċedi għad-dawl bajdani,
U t-tama tal-qawmien tlaqqagħna mal-Missier preżenti
F'imħabba ta' bla tarf u fl-akbar ħniena.
Din hi l-Aħbar it-Tajba tal-Għid Imqaddes:
Alla-Imħabba, garanija ta' sigurtà u ta' ċertezza fil-waqgħat u l-qawmien tagħna.

Hi sejħa radikali, iżda mhux rigoruża, sejħa għall-bidla, mhux ta' mistħija
Radikalità li tfisser ħniena, imħabba u komprensjoni
Għaliex dan alla tagħna, li fin-natura Tiegħu għani fl-imħabba,
Ma jafx x'inhi ħruxija.

Dehret fil-mumenti qawwija tal-Magħmudija u t-Trasfigurazzjoni
L-esperjenza tal-imħabba tal-Missier għal Ibnu Ġesù fil-preżenza tal-Ispirtu,
Esperjenza ta' ħajja u imħabba eterni bejn il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu li jqaddisna.
Din hi l-istess esperjenza ta' ferħ li takkumpanjana fil-mixja u fir-riċerka tagħna
Fil-profondità ta' ħajjitna għall-emozzjonijiet moħbija li jkunu jkidduna.
Dan hu l-ferħ tal-ħbiberija ta' Kristu Rxoxt li jweżnuna u jassigurawna
Fil-vjaġġ imtaqqal ta' tiftix, indiema u rikonċiljazzjoni lejn Kristu r-Redentur
Li qatt ma jgħejja jistenniena.

[1] Ħsibijiet mibnija fuq waħda minn tliet taħditiet ta' riflessjoni fil-Ġimgħa Mqaddsa, servizz taċ-Chaplaincy, l-Università ta' Malta, 2010.




# finanzjament faċli biex tibda n-negozju tiegħek

Jekk tixtieq tibda negozju ġdid kellimna llum dwar BOV Start Plus
- rata ta' imgħax vantaġġuża
- kundizzjonijiet favorevoli
- għajnuna professjonali għan-negozju tiegħek

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV BUSINESS BANKING**

**2131 2020 | bov.com**

BOV Start Plus jibbenefika minn garanzija maħruġa taħt il-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni tal-Unjoni Ewropeja.

Is-self kollu huwa suġġett għall-kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-fergħa tiegħek tal-BOV. Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c. 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130 - Malta

BOV
Bank of Valletta

# “Tifkiriet” għal matul il-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa

**Philip Agius**

Matul dawn il-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa,
Il-Poplu jieħu sehem f’mixjiet u Purċissjonijiet;
Għax huma ġranet ta’ ġabra w’għeżież,
Il-Kotra tingħaqad f’miġġħema ta’ nies bil-mijiet!

Sa mill-bidu, l-ewwel jiem tar-Randan;
‘Nkunu mħeġġin ninġabru fil-knejjes għat-tifkiriet;
Biex il-bniedem jissieħeb ma’ Kristu,
Jitlob l-għajnuna w’jersaq għall-maħfra mill-ħtijiet!



F’nofs ir-Randan, mixja mar-Redentur;
In-nies jistqarru r-ringrazzjament tagħhom lill-Mulej;
Imbgħad mixja kbira fid-Duluri;
L-Omm għażiża taħt l-Imsallab Binha, tiġbidna lejh!

Fost l-użanzi ż-żjarat tas-Sepubkru,
Post għażiż, tifkira tat-twaqqif l-‘Ewkaristija’;
Mill-Ħamis bil-lejl qabel Ġesù miet,
Minxur mislub fuq salib fost l-ikbar ħruxija!

Minn wara nofs inhar ħin tat-tlieta,
Fil-Ġimgħa l-Kbira, l-Insara jqimu lill-Kurċifiss;
U l-ġrajja terġa’ tinqara kollha,
Tnissel kuraġġ fil-bniedem, għax tiegħu, ‘Int’ il-ħellies!



Imbgħad la l-kotra toħroġ mill-knisja,
Tinġabar fit-triqat biex issegwi l-Purċissjoni;
Statwi mill-ġrajja tat-‘Triq is-Salib’,
Li waħda wara l-oħra joħolqu riflessjoni!

Jum il-Għid il-Kbir, hu l-ikbar festa;
Ġesù rebaħ lill-mewt; l-aħħar kelma kienet tiegħu;
Fil-‘Bibbja’ nkiteb għal sbieħ ‘Ħadd il-Għid’;
‘Hu qam dher lil tax-‘Xirka’ w’għaqqad lil kulħadd miegħu’!

Kristu Rxoxt, mixja li tnissel il-ferħ;
Fost il-Poplu Żebbuġi li jinġabar bil-kotra,
Tieħu shem banda b’valzi ferrieħa,
Bit-tberik fost it-tfal tal-figolli mfakkar fostna!

12.01.2014

# D stylist





**Special Offer**
1st March - 30th April

For every colour and cut service you will have a blowdry or a treatment **FREE**

**Tel: 2146 3196**
**Mob: 9905 1779**
D stylist Hair Salon
Lazzru Pisani street, Zebbug

**hsbc.com.mt**
2380 2380

HSBC

Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c., 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444

# Każin Banda San Filep

Charlie Vella il-Barman ġdid
ċemplu fuq 9997 2920

*Għal xarba ġenwina mal-ħbieb u mal-familja b'appetizers mill-aqwa.*

*Ikliet f'kull ħin f'post komdu.*





Digit Line
Home Appliances, House Hold Goods,
Sound & Vision, Garden Furniture,
Loose Furniture, Bar-B-Ques, Air Conditioners
ONLY THE BEST BRANDS
KENWOOD
ZANUSSI
indesit
Whirlpool
SAMSUNG
morphy richards
tescoma.
... and more
Digit Line
F. Farrugia Street, Zebbug
Tel/ Fax: 2146 4329
Email: tantimp@waldonet.net.mt

# Is-Salib ta' Kristu Rivelazzjoni tal-Akbar Imħabba

**Riflessjonijiet min-Nutar Dr Philip Ellul**

**LL.B., Dip. Not. Pub., LL.D., CLJ**

Il-ġrajja tal-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu jeħtieġ li nikkontemplawha sew u ta' spiss ilkoll kemm aħna. Għalkemm mhuwiex faċli, bil-moħħ limitat tagħna, li nifhmu din il-ġrajja, fiha nistgħu naraw b'mod ċar li Alla l-Imbierek, permezz ta' Ibnu Ġesù, ifittex lill-bniedem, li hu mehdi fid-dnub, b'imħabba qawwija li, jiġri x'jiġri, ma tintemm qatt, anke meta l-Iben jasal saħansitra biex joffri l-ħajja tiegħu stess għall-bnedmin kollha. Ma nistgħux nifhmu l-misteru tas-Salib ta' Kristu, jekk ma nifhmux il-misteru tal-imħabba infinita ta' Alla għalina l-bnedmin. Alla l-Imbierek, permezz tas-Salib li fuqu miet Ibnu Ġesù, jilħaq il-quċċata l-aktar għolja tal-imħabba; jgħannaq miegħu l-univers kollu u jġorr fuq spallejh lill-bnedmin kollha tad-dinja. Fuq is-Salib, tixref b'qawwa kbira l-imħabba bla tarf ta' Alla, li tmur ħafna lil hinn minn kull immaġinazzjoni li l-moħħ tal-bniedem jista' qatt jikkonċepixxi.

Is-Salib għandna nħarsu lejh bħala r-rivelazzjoni li Alla huwa mħabba li ssalva, filwaqt li aħna lkoll midinbin. Is-Salib huwa l-punt li fih jiltaqgħu Alla u l-bniedem – id-divinità u l-umanità. It-tnejn li huma qegħdin ifittxu lil xulxin. Permezz tas-Salib, naraw lill-bniedem ifittex b'mod kważi ddisprat li jinħeles mill-jasar tad-dnub, filwaqt li naraw ukoll lil Alla jfittex li jsalva lill-bniedem mid-dnub u joħolqu mill-ġdid permezz tal-imħabba tiegħu. Ġesù Kristu, waqt li kien mislub fuq is-Salib, iħabbar imħabbtu għall-bnedmin kollha b'għemilu stess, tant li hekk kif ħarġet ruħu, tinstema' tidwi l-istqarrija taċ-Ċenturjun: "*Dan ir-raġel kien tassew l-Iben ta' Alla!*" Dan il-kliem huwa l-qofol tal-Vanġelu kollu ta' San Mark: Alla tagħna huwa dan ir-raġel imsallab – Ġesù Kristu – skandlu għal xi wħud u bluha għal oħrajn, kif jikteb San Pawl. Min-naħa tiegħu, l-Evanġelista San Mark jemfasizza dan l-iskandlu u din il-bluha, billi juri min hu tassew Ġesù waqt li jkun imsallab, u mhux qabel. F'dan il-waqt, aħna lkoll nistgħu nagħrfu lil Ġesù bħala l-uniku salvatur tagħna.

Min jimxi wara Ġesù sal-Aħħar Ċena biss u ma jagħrfux fuq is-Salib, mhuwiex tassew dixxiplu tiegħu. Dan huwa misteru kbir li lkoll kemm aħna jeħtieġ li nippruvaw nifhmu u ngħixu. L-ewwel dixxipli ta' Kristu sabuha bi tqila ħafna li jifhmuh, għaliex ħafna minnhom kienu għadhom kemm rawh iseħħ quddiem għajnejhom stess. Kif qatt jista' l-Iben ta' Alla jgħaddi minn tant tbatija, u saħanistra minn mewt hekk kiefra u umiljanti? Din il-mistoqsija fixklet l-imħuħ tal-ewwel dixxipli ta' Kristu, u tfixkel ukoll il-moħħ ta' kull wieħed u waħda minna. Iżda hija proprju din ir-rivelazzjoni li tgħinna nrabbu l-għeruq sodi tal-fidi tagħna f'Alla, filwaqt li nħarsu lejn Ġesù bħala l-Feddej tagħna.

# Paul
## Woodworks

Prop. PAUL SCHEMBRI

Garage No. 2 Plot 17,
N/S Off Mdina Road,
Żebbuġ, Malta

Tel: 2146 6615

# THE ROSE SHOP

*24 Hours Delivery*
*Service 7 days a week*

New Street, Qormi
Tel: 2148 3341
Ray: 9945 8532
Mike: 9946 6696





# Express
## Aluminium Limited

Importers and manufacturers of all type of aluminium works, specialising in circular works with more than 13 years experience in craftsmanship and finish.

*Our range of products include:*
**Showroom Façades, Vertical Blinds, Maltese Style Balcony, Rolling & Sliding Nets, Light Weight Aluminium Chairs and Folding Tables, Roller Shutters, Work In Double-Glazing Finish & Spiral Staircases**

*Give us a ring or call personally for advice and free estimates at our showroom where we are always available to help you make the right decision.*

**"Express Building", Mdina Road, Żebbuġ ZBG 06, Malta**
**Tel: 2146 1078 / 2146 5110 • Fax: 2146 5798**

L-Evanġelista San Ġwann jgħarrafna din il-verita’ b’mod differenti, permezz tal-aħħar kelmiet imlissna minn Ġesù fuq is-Salib: ”*Kollox mitmum*”. B’dawn il-kelmiet, Ġesù qed jgħidilna li huwa kien qed iwettaq att kbir ta’ mħabba billi offra lilu nnifsu għalina, u li minn dak il-waqt ’il quddiem, in-nar tal-imħabba u tal-Ispirtu Qaddis kien se jibqa’ jserrep fil-vini ta’ kull bniedem. Permezz ta’ din l-għotja minn Alla nnifsu, kull bniedem isir strument ta’ maħfra, ta’ mħabba, ta’ ferħ, u ta’ paċi. Kull bniedem għandu l-kapaċità li jissallab għall-bnedmin l-oħra b’għotja ta’ mħabba, fuq l-eżempju ta’ Ġesù.

Iżda min kien li wassal għall-mewt ta’ Ġesù fuq is-Salib? Mil-lat storiku, kif nafu tajjeb, l-awtoritajiet tal-popli Lhudi, immexxija mill-qassisin il-kbar Anna u Kajfa u mis-Sultan Erodi, għamlu dak kollu li setgħu biex jeqirdu lil Ġesù. Iżda kienu ħafna dawk il-Lhud li, min-naħa l-oħra, ma qablux mal-awtoritajiet tagħhom dwar din id-deċiżjoni, li tista’ titqies bħala waħda marbuta essenzjalment ma’ motivazzjonijiet politiko-soċjali, li minħabba fihom Ġesù ġie kkundannat għax beda jitqies bħala bniedem li kien qed joħloq periklu ċar għall-ordni pubbliku, li biddel ir-regoli soċjali ewlenin tal-poplu Lhudi, u li kien qed ixewwex lil kulħadd bi kliemu kontra l-ħakma Rumana fil-Palestina.

L-awtoritajiet Lhud ma kinux jafu x’inhuma jagħmlu. Għalhekk, waqt li kien mislub fuq is-Salib, Ġesù talab lil Alla l-Missier biex jaħfer lil dawk in-nies, u magħhom jaħfer lilna lkoll, għax aħna wkoll kemm-il darba ma nkunux nafu x’aħna nagħmlu, l-aktar meta nitbiegħdu minnu minħabba dnubietna. Ġesù jaħfrilna kull darba li nindmu mid-dnubiet li nkunu wettaqna u nerġgħu nduru lejh b’ħerqa sinċiera li ma nidinbux aktar. Kif jikteb San Pawl lill-insara ta’ Korintu: “Ġesù miet għad-dnubiet tagħna” (1 Kor 15, 3). B’dan il-kliem, San Pawl irid ifisser li r-raġuni ewlenija li wasslet għall-mewt ta’ Ġesù huwa d-dnub universali tal-umanità kollha. Jekk aħna lkoll midinbin, ifisser li aħna lkoll responsabbli għall-mewt ta’ Ġesù. Min-naħa l-oħra, il-kliem ta’ San Pawl ifisser ukoll li l-mewt ta’ Ġesù swiet ta’ vantaġġ għall-midinbin kollha, fis-sens li l-passjoni u l-mewt ta’ Ġesù ma servietx biss sabiex huwa jerfa’ l-piż tad-dnubiet kollha tagħna, iżda wkoll sabiex jeqridhom għalkollox bil-qawwa tal-imħabba li tagħti u li taħfer, u b’hekk jeħles lill-umanità mill-jasar tal-ħażen. Waqt li kien jinsab wiċċ imb wiċċ mal-mewt, Ġesù ma fittixx it-tbatija, iżda l-ubbidjenza sħiħa lejn Alla l-Missier u lejn it-twettiq tal-pjan salvifiku tiegħu. Ġesù wera l-akbar imħabba tiegħu lejna waqt li kien minxur mas-Salib, jiġifieri waqt l-aktar mumenti dgħajfa u mudlama ta’ ħajtu, filwaqt li ried li b’mewtu sseħħ is-salvazzjoni tad-dinja kollha.

Nistgħu ngħidu li s-Salib ta’ Kristu għandu żewġ uċuh: wieħed juri l-mibegħda tad-dinja għal Ġesù, u l-ieħor juri l-imħabba ta’ Ġesù għad-dinja. Min-naħa l-waħda, Ġesù huwa vittma ta’ krudeltà mill-aktar brutali u għamja, filwaqt li min-naħa l-oħra, Ġesù huwa l-protagonist tal-aktar donazzjoni ġeneruża, kuraġġuża u mimlija mħabba li qatt rat id-dinja. Quddiem vjolenza bla rażan, li qatt ma tista’ tkun ġustifikata, Ġesu’ rreaġixxa b’imħabba straordinarja, inkundizzjonata u, sa

# *Jeff's Pastizzeria*

F1, Triq il-Kbira, Żebbuġ ZBG 1309
**Mob: 7748 7768**

***Pastizzi • Pastizzi Tondi • Qassatat • Qassatat Inċova • Pizza Kwadra u Pizza Tonda • Timpana • Ross • Sausage Rolls • Meat, Chicken u Burger Pies Ham & Cheese • Arancini • Quiche Lorraine • Ravjul u Għaġina eċċ***

***Naċċettaw Ordnijiet għall-Parties***



# Vanity Fare



## Cosmetics, Perfumes, Agent for: Hair Accessories

**Visit us on Facebook**

109, Bishop Caruana Street, Żebbuġ, Malta

*Tel: 2146 3813 • Mob: 9927 7295*

E-mail: stanleyparisi@gmail.com
www.vanityfare.trolleymania.com

Find us on Facebook



# T' Emelda
## Butcher Shop




**Isabelle Bezzina**

**Tel: +356 2746 6389**

T'Emelda Butcher Shop
Triq Gianni Bonnici
Żebbuġ – ŻBG 2490

ċertu punt, inkonċepibbli għal moħħ il-bniedem. Madankollu, jekk nidħlu aktar fil-fond ta' din il-ġrajja, nindunaw li Ġesù huwa l-protagonist mingħajr ma jċedi għall-protagoniżmu, u huwa l-vittma mingħajr ma jċedi għall-vittimiżmu. Il-mewt ta' Kristu fuq is-Salib tgħallimna li l-imħabba vera sseħħ meta wieħed jaċċetta li jerfa' fuq spallejh il-piż tan-nuqqasijiet kollha ta' ħaddieħor. Is-Salib huwa l-prezz tal-fedeltà, tal-imħabba, u tal-ħniena ta' Alla għall-midinbin kollha.

Minkejja li ġie mwarrab minna l-bnedmin, Ġesù miet għalina lkoll. Is-Salib ma jistax jitqies bħala inċident ikrah fil-mixja ta' ħajjet Ġesù fuq din l-art, u lanqas ma jista' jitqies bħala t-telfa irreparabbli tal-imħabba, iżda huwa t-trijonf tagħha, li jseħħ permezz ta' rebħa definittiva u indiskutibbli fuq il-mewt. Għalhekk is-Salib huwa l-akbar u l-isbaħ aħbar għall-bnedmin kollha. U din l-aħbar hija li Ġesù Kristu ħareġ rebbieħ fuq il-vjolenza, mhux billi rreaġixxa għaliha bi vjolenza akbar, iżda billi aċċetta li jkun il-vittma tagħha u jikxef l-inġustizzja u l-krudeltà kollha tad-dinja. Kif jistqarr Santu Wistin, Ġesu' Kristu rebaħ għaliex huwa nnifsu hu vittma, u wera b'mod ċar li Alla huwa dejjem viċin ta' dawk kollha li jiġu ppersegwitati minħabba t-twemmin tagħhom fih. Ġesu' mhux talli ma kienx viċin ta' min kien ippersegwitat u maħqur, iżda talli saħansitra sar vittma ta' mħabba huwa stess għas-salvazzjoni tal-persekuturi kollha tiegħu.

Ilkoll kemm aħna nafu li ta' spiss matul ħajjitna nagħmlu bil-kontra ta' dak li għamel Ġesù. Ilkoll imdorrija niskużaw lilna nfusna u nakkużaw lill-oħrajn mingħajr ħniena, l-istess bħall-qassisin il-kbar Anna u Kajfa, bħas-sultan Erodi, u l-bqija. Waqt iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika ta' matul il-Quddiesa, sewwasew qabel il-proklamazzjoni tal-qawmien mill-mewt ta' Kristu, aħna nħabbru l-mewt tiegħu u niftakru fl-att kbir ta' mħabba li, bħal ħaruf innoċenti, wasslu għall-mewt minħabba d-dnubiet tagħna. Bħaż-żerriegħa tal-qamħ u bħall-għeneb bnin, il-ġisem u d-demm ta' Ġesù jsiru ħobż u inbid għalina, biex permezz tagħhom nieklu u nixorbu bl-abbundanza, u naqtgħu l-ġuħ u l-għatx għall-imħabba. L-Ewkaristija ma tfakkarniex biss biex nagħrfu nimxu fuq l-eżempju ta' Ġesù, iżda tfakkarna wkoll li aħna ngħixu fih u hu jgħix fina, u filwaqt li nwarrbu l-egoiżmu, is-suppervja, id-diżonestà, l-għira, u r-regħba tagħna, naħsdu ħafna frott bnin u mimli mħabba.

Din hija l-grazzja tant kbira tal-Għid: li ma ngħixux aktar għalina nfusna, iżda ngħixu għal Ġesù Kristu, il-Feddej waħdieni tagħna, li miet u rxoxta biex isseħħ is-salvazzjoni tal-umanità kollha.

U lilek, għażiż qarrej ta' din il-pubblikazzjoni annwali mitbugħha mill-Għaqda Każin Banda San Filep, nawguralek minn qalbi Għid hieni u qaddis, imfawwar bil-ferħ, il-paċi u l-imħabba ta' Kristu Rxoxt.



# Drawwiet Għawdxin f'dan iż-Żmien Qaddis tas-Sena

**kitba tal-Kav Joe M Attard**

Jekk il-festa tal-Milied iġġib magħha ferħ kbir, xejn inqas ma ġġib magħha l-festa tal-Għid il-Kbir, għax għalkemm matul dan iż-żmien inkunu qed infakkru l-festa tad-Duluri u l-Passjoni u l-Mewt tal-Imgħallem Divin, is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, wara dawn is-sofferenzi kollha, f'tarf il-mina, jitfaċċa dawl kbir li jgħammex l-għajnejn: il-Qawmien mill-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu li rebaħ id-dnub u ġab fix-xejn it-tentazzjonijiet u l-ktajjen tax-xitan.

Kulma nkiteb fil-Kotba tat-Testment il-Qadim kellu b'mira tiegħu l-miġja ta' Kristu l-Feddej; kien thejjija għal din il-ġrajja kbira meta Alla ried jaqsam magħna l-esperjenza tagħna ta' bnedmin. Kulma nkiteb fit-Testment il-Ġdid kien jirrefletti dak li ġara minn Kristu u t-tagħlim li ħallielna.

Kif tindunaw il-persuna ta' Ġesù Kristu hija ċ-ċentru ta' kulma nkiteb fl-Iskrittura. U jekk irridu nieħdu ġrajja ċentrali mill-ħajja kollha tiegħu, l-aktar waħda li tolqotna, hija bla dubju, il-qawmien tiegħu mill-mewt għal ħajja aħjar. Fuq din il-verità ċentrali hi mibnija l-Fidi tagħna, kif jgħallem San Pawl: kieku Kristu ma qamx mill-mewt, il-Fidi tagħna hija vojta. Għalhekk aħna l-insara nqisu l-Qawmien ta' Kristu mill-mewt bħala l-Għid il-Kbir.

Aħna niċċelebraw dawn il-festi mhux għax ikun wasal żmienhom fil-Kalendarju biss. Niċċelebrawhom biex infakkru lilna nfusna, għax aħna ninsew li Kristu għadu ħaj u preżenti għalina u biex inġeddu l-Fidi tagħna fih.

Jekk il-festi jiġu fuqna biex issir purċissjoni, nagħtu r-rigali u niddevertu, u ninsew li dawn huma stedina għalina biex insiru aħjar, inkunu tlifna kull sens tagħhom u jkunu qoxra biss. Kull festa għandha tesprimi minn barra dak li l-bniedem ikun qiegħed iħoss fih tassew minn ġewwa.

Xi jġegħilna nħossu fina l-messaġġ tal-festa tal-Għid! Għalija waħda mill-aqwa tagħlimiet hi, li s-salib mhux fjask, li t-tbatija mhix telf, li anki l-mewt intrebħet u Ġesù fetħitlna t-triq li tieħu 'l hemm mill-qabar. Din hija l-Fidi tagħna. Din hija t-tama nisranija wiċċ imb wiċċ mad-diffikultajiet tal-ħajja. Jekk ma' Kristu nitgħallem inbati, jekk naċċetta t-tbatija bħala parti mill-ħajja tiegħi u ngħaqqadha mat-tbatija ta' Ġesù biex insir aħjar, allura jfeġġ quddiemi dawl ġdid, tama ġdida, għax anqas il-mewt ma hi t-tmiem.

Ġesù għallimna li għalkemm Hu bata ħafna mill-bnedmin, ma tilifx l-imħabba tiegħu lejna: 'Missier aħfrilhom!' Ġesù miet fuq is-salib, iżda l-imħabba tiegħu lejn

Missieru u lejna ma metitx miegħu. Għadu jħobbna u għadu jistedinna biex inħobbu u fejn nistgħu u kemm nistgħu nnaqqsu t-tbatija ta' ħaddieħor.

- Il-festa tal-Għid tgħallimni ma nitlef qatt l-imħabba lejn Alla u lejn ħuti saħansitra meta nkun inbati.
- Il-festa tal-Għid tgħallimni li wara s-salib hemm il-glorja.
- Il-festa tal-Għid tgħallimni li wara dil-ħajja hemm ħajja oħra. Ġesù qal lill-Appostli tiegħu li Hu kien sejjer għand Missieru biex iħejjilhom post.
- Fil-festa tal-Għid il-Kbir Ġesù jfakkarni fl-istedina li għamilli fil-magħmudija biex ngħid 'le' lid-dnub u ningħaqad miegħu minn issa fl-imħabba lejn Alla Missierna u ma' ħuti kollha.

Intant wara li jgħaddu dawn il-festi kbar tal-Knisja, jibda t-Tberik fid-djar tal-Maltin u l-Għawdxin. Tintemm il-Ġimgħa l-Kbira u ma' Sibt il-Għid jibda żmien ġdid. Żmien ta' tindif minn barra u minn ġewwa. Il-Knisja tibda dan it-tindif billi 'l barra mill-bieb tal-knisja tixgħel in-Nar il-ġdid ġewwa l-kenur, u minn dan in-nar tinxtegħel il-Qasba tal-Arundine jew kif kienu jafuha x-xjuħ tagħna l-Qasba tat-Tliet Persuni. Kif ħallilna miktub l-istoriku Għawdxi John Bezzina[1], fil-quċċata ta' din il-qasba jkun hemm tliet xemgħat marbuta u mżejna bil-ġilju u bil-belladonna. U kull darba li d-djaknu jixgħel waħda minn dawn ix-xemgħat jgħid il-kelmiet Lumen Christi. Jinxtegħel iċ-ċensier mill-istess nar u jsir it-tberik u bih jimtlew il-ħwat tal-magħmudija u l-ħwat tal-ilma mbierek.



Imbagħad jinxtegħel iċ-Ċirju jew Blandun li huwa tifkira tal-Irxoxt ta' Kristu. Il-ħames għoqdiet ifissru l-ħames pjagi tas-Sinjur. Mid-dawl tal-Blandun, jinxtegħel il-lampier u x-xemgħa tal-altar. Tibda l-Gloria u mal-Gloria jdoqqu l-qniepen, idoqq l-orgni, jinkixfu l-inkwadri, il-knisja tinxtegħel kollha kemm hi. U filwaqt tal-kant tal-Gloria fid-djar l-ommijiet kienu jaħslu t-trabi tagħhom f'lenbija jew f'żinġla bil-misħun li fih jitwaddab ftit fjuri u weraq li qabel kienu jżejnu s-Sepulkru.

Din il-ħaġa l-ommijiet kienu jagħmluha biex lil uliedhom ineħħulhom xi qtajja' li jkunu ħadu, u l-omm tkompli sejra hekk taħsel lit-tfal l-oħra żgħar li jkollha, wieħed wara l-ieħor.

Fl-istess ħin fid-djar dawk li ma jaħslux lit-trabi kienu jaħsbu sabiex ma' Sibt il-Gloria jbaħħru, sabiex id-djar jissaffew mill-ispirti l-ħżiena.

Ġewwa kuċċarun jew bieqja jitqiegħdu xi weraq taż-żebbuġ minn tas-sena ta' qabel – żebbuġ imbierek, u bihom mitfijin, dik li kienet se tbaħħar, tintasab ħdejn Kurċifiss u qabel tibda l-Gloria, tgħid ħames paternostrijiet f'ġieħ il-ħames pjagi.

Wara din il-vista lill-Imsallab, il-mara tad-dar mal-ħames werqiet mitfija li kien

ikollha fil-kuċċarun, kienet timburġah bil-weraq u hekk kif tibda l-Gloria tkebbsu mingħajr pitrolju u l-mara tibda tbaħħar kamra wara kamra billi ddur magħha tliet darbiet u titlob hekk:

Pater Ave u Gloria
f'ġieħ San Barnabaw
Biex jekk hawn xi ħaġa ħażina
Toħroġ minn hawn.

It-tbaħħir kien jibda mill-kmamar ta' fuq biex jekk ikun hemm xi ħaġa tinżel 'l isfel u toħroġ mill-bieb li kif tibda l-Gloria kien jifetaħ beraħ minn xi ħadd ieħor tal-familja.

Wara t-tbaħħir tad-djar kien jibda dak tal-ulied. Kull tifel kien joqgħod għarkubbtejh u ommu ddur tliet darbiet miegħu u tgħidlu:

Fl-isem tal-Missier se nbaħħrek jien
Ifejqek Alla mingħajr duwa u lanqas uġigħ
Il-Missier ihenni, l-Iben se jneħħi
U l-Ispirtu s-Santu jkeċċi.



It-tfal kienu jimxu wara xulxin ma' ommhom sabiex waqt it-tbaħħir hi tkeċċi quddiemha l-ħażen u ma jidħolx f'uliedha.

Wara t-tbaħħir tat-tfal, jekk ikun hemm xi ħadd marid fid-dar, kien jiġi mbaħħar ukoll għal tliet darbiet u jingħad dan il-kliem li ġej:

Fl-isem tal-Missier, u tal-iben u tal-Ispirtu
Santu ser inbaħħrek jien.
Iżakk, Abel, Abraħam u Mose,
Sant'Anna u l-Imdanna
Iqattgħu dan l-uġigħ
U fil-baħar jarmuh


ZAMMIT BUTCHER




Triq il-Gandlora, Żebbuġ (Malta)
E-mail: zammitbutcher@gmail.com
Web: www.zammitbutcher.webs.com
Opening Hours:
Tue, Wed & Fri: 7.00am-12.00pm & 4.00pm-6.30pm
Thu & Sat: 7.00am - 12.00pm
Fresh Beef • Fresh Pork
Fresh Chicken • Frozen Beef
Frozen Lamb • Horse Meat
Home Made Burgers
BBQ Sausages
Marinated Meats
FREE DELIVERY

U li għal dan il-ġisem
Qatt ma jkun suġġett għalih
Hekk ikun.
Huwa emmnut li jekk waqt it-tbaħħir tal-marid in-nar jiswied il-marda tkun daqqa t'għajn ħażina; allura kienet issir talba oħra billi jingħad Paternoster.
Biex iħarsuna mill-għajnejn il-ħżiena
Ave Maria lill-Madonna ta' Ruma
Biex jekk hawn xi ħaġa ħażina tmur lura.

Jekk iż-żebbuġ jibjad il-marid kien ikun ser ifiq, u allura jingħad Kredu f'ġieħ il-laqgħa tal-Appostli li għamlu lill-Feddej wara l-irxoxt.

Drawwa oħra ta' Sibt il-Għid u li llum m'għadhiex iktar kienet il-Mixja ta' Sibt il-Gloria. Xi nisa li kien ikollhom it-tfal li waslu biex jitilqu jimxu, kienu jippruvaw jitilquhom matul il-Gloria, għaliex kien emmnut li mal-Irxoxt ta' Kristu kienet tiġi dik is-saħħa nieqsa biex iżommu waħidhom.

Minn dan li għidna s'issa rajna kemm din il-festa tal-Għid hija fil-fatt festa ta' tisfija. Ara kemm hu hekk, li dari l-magħmudijiet tal-kbar kienu jsiru sewwasew f'dan il-jum u kienu jitgħammdu billi jiġu mgħaddsa fl-ilma ġdid li kien għadu kemm tbierek. U għal tmint ijiem dawn l-imgħammdin ġodda kienu jilbsu l-abjad.

Wieħed mill-Preċetti tal-Knisja huwa "ħallas id-dieċmi jew l-egħxur", u l-poplu kien jieħu din l-okkażjoni tat-tberik tad-djar jew tar-razzett tiegħu sabiex jagħti lill-Kappillan li jberiklu daru u l-familja, l-egħxur billi jagħtih xi ħaġa taż-żgħar, inkella bħal ma kienet id-drawwa fil-kampanja, fit-tberik jagħtu lill-Kappillan xi tiġieġa jew serduk u għalhekk kienet drawwa li mal-Kappillan joħroġ wieħed bil-ħmara bil-qafas fuqha jgħidulu tat-tiġieġ fejn kienu jitqiegħdu dawn l-għotjiet. Mur arah lill-Arċipriet tagħna ġej b'xi tiġieġa jew żarmuċ wara xi ġurnata tberik!

Anki l-abbatini u s-sagristani jirċievu xi ħaġa taż-żgħar mingħand il-familji kollha.

Kos il-bniedem malli jitwieled jitnaddaf bl-ilma tal-Magħmudija; matul ħajtu bil-qrar u fi tmiem ħajtu bil-Griżma tal-Morda. Ilma u żjut kollox jitbierek fil-Għid; aħna wkoll nitbierku għax wara kollox l-Arċipriet iroxx l-ilma fuqna u mhux fuq il-purtieri u s-salott li l-mara tad-dar tant taħsel u tnaddaf qabel mal-Kappillan jirfes mill-għatba 'l ġewwa tad-dar.

Intant sa issa tkellimna dwar it-tberik u t-tbaħħir li kienu jsiru minn Sibt il-Għid 'il quddiem. Imma dan iż-żmien qaddis tas-sena jiġbor fih ukoll il-jiem għeżież tar-Randan Imqaddes li miegħu hemm marbuta ħafna drawwiet sbieħ. Kif jgħidilna Charles Coleiro[2], l-erbgħin jum tar-Randan dari kienu ġranet ta' sawm li fihom il-poplu tagħna kien jinqata' minn kull xalar li jgħib mal-aħħar tokk ta' nofsillejl tat-Tlieta tal-Karnival u jerġa' jitwieled mat-tokki tal-Gloria nhar Sibt il-Għid filgħodu.

Is-sawm. sa qabel ma bdiet l-aħħar gwerra, kien jgħodd għal ġranet kollha tal-ġimgħa, minbarra l-Ħadd, u n-nanniet jgħidulna li f'Ras ir-Randan kienu jaqilbu l-borma wiċċha 'l isfel biex jiftakru li f'dawk il-ġranet ma kellux ikun hemm sajran;

tant hu hekk li minn filgħodu sa filgħaxija ma kien jista' jittiekel xejn ħlief l-ikla ta' nofsinhar – mingħajr laħam u kafè bla ħalib. Fl-ikla ta' filgħaxija wieħed ma kienx jista' jiekol sa ma jixba' u f'ħafna rħula kienet drawwa li jagħmlu ftira magħmula mill-għaġina u s-smid u jikluha bi ħwawar taż-żejt. Dawn id-dieti fl-ikel qanqlu lid-dolċiera li xtaqu jibqgħu jaħdmu ħelu biex fil-ġranet tar-Randan idewquna biċċa ħelu magħmula mingħajr ħalib u bajd u li ħadet l-isem Kwareżimal mit-Taljan li jfisser Randan (quaresimale).

Fir-Randan jibdew dawk li baqgħu jissejħu Eżerċizzi Spiritwali, iżda l-Eżerċizzi, qabel kellhom ukoll it-tifsira soċjali għaliex fl-irħula l-iżjed fejn kien isir biss kors wieħed għall-irġiel u ieħor għan-nisa, f'dawk il-ġranet kienu jiltaqgħu bi ħġarhom u wara l-barka erħilhom iferrgħu kollox – xi minn daqqiet ta'sena sħiħa, fuq iz-zuntier tal-Knisja.



La semmejna okkażjoni soċjali, ukoll fi ġranet ta' penitenza, ma rridux inħallu barra Ħadd in-Nies li jiġbed eluf minn kullimkien ġo Ħaż-Żabbar, nhar l-Ewwel Ħadd tar-Randan. Dawn in-nies jinġabru flimkien f'Pellegrinaġġ għas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, bi tpattija għax-xalar żejjed li jkun sar fil-Karnival. Dari ħafna mill-maskerati kienu jagħmlu din il-mixja iżda ħafna drabi din l-okkażjoni kienet tkun xalata oħra jew kif ġiet imlaqqma tajjeb Ħadd in-Nies.

L-aħħar ġimgħa tar-Randan iġġib magħha t-tħejjija għall-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira; mir-reffiegħa tal-vari li kienu bl-imħatra min jerfa' l-itqal vara sa rġiel oħra tal-wegħdi li jkaxkru l-ktajjen marbuta ma' riġlejhom u biex nerġgħu nsemmu s-sawm – l-ikla tas-seba' bukkuni nhar


# FREDDIE'S

Għand Freddie ssibu żraben eleganti tan-nisa,
żraben għal tibdila, ta' l-irġiel u tat-tfal, casuals,
sport shoes, minn ditti renomati, basktijiet
ta' l-iskola, handbags u kartieri.

**Sciortino Street, Żebbuġ Tel: 2146 5915**

# FOOTWEAR

id-Duluri li kif jixhed isimha, dawk li kienu jsumu kienu joħorġu jittallbu l-ħobż mingħand familji oħra. Jgħidulha wkoll is-sawma tal-ħobż u l-ilma għaliex is-sajmin kienu jieklu ħobż xott u jixorbu ilma biss.

Dari meta l-funzjonjijiet tal-Knisja fil-Ġimgħa Mqaddsa kienu jsiru filgħodu, il-viżtu tal-Ġimgħa l-Kbira kien jinżel ħesrem jgħatti l-għejjer tagħna mal-mota ta' Ħamis ix-Xirka. Kont tara l-ħwienet jagħlqu nofs bieba, bnadar jittajru mezz'asta, u fi ftit minuti t-toroq jitbattlu bi tħejjija għax-xirka jew ġemgħa li tagħmel il-Viżti tas-Seba' Knejjes. Kien hemm ukoll l-idea li Kristu kien mejjet u li issa bil-liturġija l-ġdida l-vistu ta' Ħamis ix-Xirka ntilef kollu.

Nhar il-Ġimgħa l-Kbira kienet iddamdam mill-kampnar tal-parroċċa ċ-ċuqlajta, magħmula minn injam li jaqa' jaħbat u jdur, kantaliena waħda. Waqt il-Purċissjoni l-karamelli tal-ħarrub jinbiegħu bir-radam u n-nies tgħodd is-sigħat li jkun baqa' għall-ikla l-kbira tal-Għid.



U meta tindaqq il-Gloria l-poplu kien jiġri jaqbad il-friegħi taż-żebbuġ li ġab mill-knisja f'Ħadd il-Palm, biex ibaħħar id-dar. Dan it-tbaħħir kif għidna iktar 'il fuq kien isir biex jeqred kull għajn ħażina u l-kap tal-familja kien, waqt il-ħruq taż-żebbuġ, jgħid il-Kredu flimkien ma' martu u uliedu. Drawwa oħra dakinhar kienet qabża l-baħar mal-mota tal-Gloria – drawwa mfittxa ħafna l-iktar min-nies tal-Kottonera. F'din in-naħa wkoll kienu u għadhom jitilqu jiġru bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt u t-tfal joħorġu fit-toroq bil-figolla f'idhom biex iberikhielhom waqt li jkun għaddej.

Mid-drawwiet li semmejna ż-żmien difen ħafna minnhom u forsi għada l-ftit li baqa' għad ukoll jgħibu fis-sħab tal-folklor Malti li għamilhom.

Għadni niftakar lill-Kan Dun Nikol Vella Apap jirrakuntali dwar il-Ftajjar tar-Randan. Jgħid li kieku wieħed mix-xjuħ tagħna li jgħodd mat-tmenin sena kellu jgħidilna kif samuh ir-Randan niesna tal-imgħoddi, konna nistagħġbu mhux ftit.

Ir-Randan tal-lum ħdejn ta' dari jidher biss li baqagħlu isem. Nies xjuħ sewwa smajthom jistqarru li fi żmienhom ir-Randan samuh għal erbgħin jum sħiħ. Uħud f'dan iż-żmien la kienu jmiġġsu bil-laħam barra l-jiem tal-obbligu, u lanqas bil-ħalib u l-ġobon. Toħroġ il-għaġeb lanqas nhar ta' Ħadd ma kienu jduqu laħam. Dan li qiegħed ngħid, jistqarr Dun Nikol, smajtu jitlissen kemm-il darba minn nies xjuħ tar-ruħ.

Il-qawl Latin jgħid: Tempora mutantur et nos cum illis – iż-żmenijiet jitbiddlu u aħna magħhom. Waħda mid-drawwiet qodma li kienet teżisti sa qabel it-tieni gwerra dinjija fir-Rabat t'Għawdex kienet dik li fi żmien ir-Randan jaqlu fiż-żejt u jbigħu l-ftajjar u li sal-lum għadhom magħrufin bħala l-Ftajjar tar-Randan. In-nies tagħna u l-aktar it-tfal li kienu joħorġu rrankati wara d-duttrina, li kienet issir fil-knisja ta' San

Ġorġ, kienet tagħmel għalihom ħafna. Dan is-saċerdot[3] jistqarr li huwa stess daqhom daqqa ta' sittin sena ilu.

Dawn il-ftajjar kienu jsiru minn biċċa għaġina u wara li jitfettlu, jinxteħtu waħda wara l-oħra, ġo taġen kbir mimli żejt jagħli. Ir-riħa li jerħu waqt li jkunu jsiru kienet tiftaħlek qalbek. Magħrufin għalihom konna nsibu fost l-oħrajn lil Karmelu Mercieca mlaqqam in-Newwiela u Salvu Ħili. Tal-ewwel kien isajjarhom ħdejn il-ħanut tiegħu tal-ħut f'tarf is-suq; l-ieħor quddiem toqba ta' ħanut tal-ħaxix taħt il-vara qadima tal-Madonna ta' Loretu li sas-sena 1954 kienet quddiem il-Bażilika ta' San Ġorġ.



Biex nissuktaw nimxu mal-ġrajja ta' din id-drawwa tajjeb li ngħidu li dawn il-ftajjar mhux kollha kienu jinbiegħu bl-istess prezz. Iż-żgħar kienu jinbiegħu sitt ħabbiet-il waħda, oħrajn ftit akbar sold, u dawk tal-inċova ftit akbar, tliet soldi. In-nies tar-Rabat u tal-irħula li jaħslu jkunu l-belt fuq xi qadja, kienu jagħmlu għalihom ħafna. Imma l-aktar it-tfal, arahom igiddmu u jikluhom bl-aptit. It-tfal tagħna wara l-iskola ta' filgħaxija kienu jgħaddu d-dar jittallbu l-flus lil ommhom biex min jixtri ftira qabel id-duttrina u min wara.

It-tieni Gwerra Dinjija qalbet u ħarbtet ħafna l-istat tal-ħajja ta' kuljum, u l-iktar minħabba l-għaks li kien waqa' f'artna, dawn il-ftajjar kellhom jinqatgħu. L-ikel beda joħroġ bir-razzjon u ma' Għawdex kollu nfetħet il-'Victory Kitchen' biex jitqassam l-ikel. Din id-drawwa kienet ilha ġejja sewwa għaliex ix-xjuħ tagħna dejjem kienu jsemmu dawn il-ftajjar tar-Randan li jsiru fi Triq San Ġużepp tas-suq.

Inħallu l-Ftajjar tar-Randan fil-ġenb u nkomplu nitkellmu dwar xi ħaġa oħra marbuta ma' dan iż-żmien għażiż tas-sena. Missirijietna tal-qedem dejjem ħabbew u għożżew il-festi, għax fuq kollox, għajrhom ma kellhomx. Kienu jistennewhom bħal


# Żebbuġ Stationers & Newsagents

*For all kinds of stationery, magazines, books, a large selection of greeting cards, toys, gifts, watches, lamination, photocopying service, digital printing, developing and printing of films and more ....*

**Sciortino Street, Żebbuġ • Tel: 21466076, 21462545**

ruħ tal-Purgatorju minn sena għall-oħra. Magħhom mal-medda tas-snin nibtu u kibru drawwiet li xi wħud minnhom waslu għandna u għadhom ħajja sal-lum.

Barra l-festi titulari niesna ta' dari kellhom ħafna għal qalbhom il-festa tal-Ġimgħa l-Kbira. Ta' kull sena qabel il-festa tal-Għid il-Kbir, il-Knisja Kattolika tfakkar ukoll bis-solennità ġrajja oħra – dik tal-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Din il-festa, li hija festa ta' Luttu, tiġbed l-attenzjoni ta' kulħadd. Dakinhar ix-xbieha tal-Kurċifiss tiddomina fil-knejjes tagħna.

Dari fil-Ġimgħa l-Kbira kienu jsumu mhux biss dawk li għalqu l-21 sena, imma wkoll it-tfal. F'dan il-jum għażiż li jfakkar il-Mewt ta' Ġesù, kulħadd kien iħoss li għandu jagħmel xi penitenza. Kien hemm ukoll min kien isum bis-seba' bukkuni ħobż bħalma kien isum qabel fil-Ġimgħa tad-Duluri. Ħafna mill-irġiel li kienu jpejpu, dak in-nhar biex jagħmlu ftit tal-penitenza, ma kenux ipejpu, la pipa, la sigaretti u lanqas sigarri.



Il-qniepen fil-Ġimgħa Kbira ma kenux jindaqqu. Dari s-sinjal ta' nofs inhar kien isir biċ-ċuqlajta minn fuq il-kampnar jew minn fuq il-bejt tal-knisja. Il-Kanonku Dun Nikol Vella Apap iżid jgħidilna li f'kull knisja kont issib iċ-ċuqlajta tal-injam biex tindaqq fil-Ġimgħa l-Kbira.

F'dan il-jum għażiż it-tfal tar-Rabat Għawdex, fejn ngħix jien, kienet tinġabar fil-Bażilka ta' San Ġorġ iduru mal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira, mhux biss biex jarawhom imma wkoll biex inaqqru r-ruttan[4] tax-xemgħa minn quddiem il-vari. Il-vari ta' San Ġorġ billi huma qodma huma lebsin ilbies tal-bellus bħal dawk tal-Kottonera f'Malta. Fil-Ġimgħa l-Kbira n-nies ta' madwar il-Bażilika ta' San Ġorġ u dawk tas-suq, kienu jmorru jagħmlu l-Via Sagra f'San Ġużepp tas-Suq, li kienet knisja żgħira llum imwaqqgħa. Din kienet tinsab f'ħalq il-Bażilika ta' San Ġorġ.

Fil-Bażilika ta' San Ġorġ kienu jsiru sollenni ħafna t-'Tliet Sigħat'. Fihom kienet tieħu sehem l-orkestra. Għalihom il-knisja kienet tkun imballata bin-nies. L-istatwa artistika tal-Vara l-Kbira kienet titqiegħed fuq il-Presbiterju waqt dawn it-tliet sigħat. Barra l-knisja kont tisma' l-ħsejjes tal-ktajjen ta' dawk li jkunu se jġorruhom ma' saqajhom fil-Purċissjoni. Ħafna tfal, jien wieħed minnhom, kienu jieħdu sehem fil-purċissjoni lebsin iż-żumarra u f'idejhom jerfgħu mħadda żgħira b'xi simbolu tal-Passjoni.

Tfal oħra kont tarahom jiġru fis-sagristija bil-fanal jittallbu xi biċċa xemgħa liż-żewġ sagristani ta' San Ġorġ, Ġanġu Agius u Manwel Cini (dawn illum it-tnejn ħallewna). Biċċa xogħol li kellhom dawn it-tnejn kienet li waqt il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, kienu jridu jħaffu jneħħu d-damask iswed minn mal-knisja kollha u jarmaw id-damask aħmar tal-palma, għall-festa tal-Għid il-Kbir. Fil-purċissjoni

kienet tieħu sehem waħda mill-baned tar-Rabat: sena l-Banda La Stella u sena l-Banda Leone.



Dwar l-ilbies, ħafna kienu jippreferu jilbsu l-iswed, kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa. Bħala sinjal ta' luttu, kienet tinżamm waħda mill-bibien tad-dar magħluqa – ħaġa li għadek taraha f'xi nħawi sallum. Ħafna rġiel u żgħażagħ mal-pavru tal-ġlekk kienu jeħimżu salib maħdum mill-weraq tal-palm imbierek f'Ħadd il-Palm.

Dawn huma xi ftit mid-drawwiet fil-Jum għażiż tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat t'Għawdex. Ħasra li llum il-ġurnata, xi wħud minnhom spiċċaw u jafu jgħiduhom biss dawk li għandhom 'il fuq minn ħamsin sena.

**Referenzi**

[1] Mill-kitbiet tiegħu fir-rivista 'Sagħtar'.

[2] Coleiro Charles huwa poeta li minn għandu ssellift xi tagħrif li hu ppubblika fir-rivista 'Sagħtar' għall-istudenti tal-iskejjel primarji u sekondarji li toħroġ mill-mut.

[3] Il-Kanonku Dun Nikol Vella Apap kien saċerdot storiku Għawdxi mill-parroċċa ta' San Ġorġ Victoria li mill-kitbiet tiegħu slitt xi tagħrif li hu ppubblika fir-rivista 'Sagħtar' għall-istudenti tal-iskejjel primarji u sekondarji li toħroġ mill-mut.

[4] Ruttan huwa dak il-qtar tax-xemgħa li jċarċar ma' xemgħa mixgħula.



# Is-Sejba tas-Salib ta' Kristu

**Tagħrif miġbur minn Philip Balzan**



Meta fi-raba seklu wara Kristu l-Imperatur Ruman Kostantinu sar Nisrani, waqqaf il-persekuzzjoni kontra l-insara u l-knisja mwaqqfa minn Kristu. Ommu, Elena hu maħsub li kienet responsabbli biex instab is-salib li fuqu kien ġie mislub Sidna Ġesù. Studjużi llum jaħsbu li fil-fatt ma kinetx hi responsabbli għal din is-sejba u li kien il-mod kif il-kittiebu Isqof Ewsebjuta' Ċesareja ddeskriva l-vjaġġ tagħha (imma qatt ma qal li sabet is-salib ta' Kristu) li ġiegħel lil ħafna jgħaqqdu isimha mas-sejba tas-salib .

## Min kienet Elena?



Is-sarkofagu fil-Mużew Pio-Clementino, Ruma

Elena Flavia Ġulja aktarx li twieldet fil-belt ta' Drepanum fil-Bitinia fl-Asja Minuri lejn is-sena 248 jew 249 WK fi familja ta' livell soċjali baxx[1]. Fis-sena 270 hija ltaqgħet ma' Kostanzju Kloru l-Ewwel u kif kienet id-drawwa dak iż-żmien għall-koppja ġejja minn livelli soċjali differenti ħafna, huma għexu f'konkubinaġġ (għalkemm xi storiċi bħal Timothy Barnes isostnu li kienu miżżewġin uffiċjalment). Sentejn wara tweldilhom Kostantinu. Mhux magħruf jekk kellhomx aktar ulied. Fis-sena 289 Kostanzju biex jilħaq Ċesare ta' Ruma, kellu jiddivorzja lil Elena fuq ordni tal-Imperatur Dijoklezjanu, u żżewweġ lil Teodora. Elena ma reġgħetx iżżewġet u kompliet tgħix 'il bogħod mill-ħajja pubblika imma qrib ta' binha Kostantinu. Nerġgħu nisimgħu b'Elena fis-sena 306 meta tissemma li kienet flimkien ma' binha Kostantinu li kien qed jitħabat biex jilħaq imperatur ta' Ruma wara missieru.



L-istatwa ta' Sant'Elena fil-Bażilika ta' San Pietru, Ruma

Meta dan seħħ, wara li rnexxielu jegħleb lil Maksenzju, Elena marret tgħix f'Ruma fejn kienet mara prominenti tant li għall-ewwel kellha t-titlu ta'



Ikona ta' Sant'Elena, meqjuma f'Antijokja fit-Turkija

*Nobilissma Femina* kif jidher minn muniti tagħha u wara s-sena 324 ingħatat it-titlu ta' Awgusta.

X'aktarx li kkonvertiet għall-kristjaneżmu fis-sena 312, fl-istess żmien meta binha Kostantinu fis-sena 313 ħareġ l-editt ta' Milan li kien jiggarantixxi t-tolleranza reliġjuża lill-insara. Qabel dan iż-żmien Elena aktarx li kienet ta' fehma reliġjuża Arjana. Meta fis-sena 323 Kostantinu ħa f'idejh l-imperu tal-Lvant, dan l-editt beda japplika wkoll f'din il-parti tal-imperu u allura temm il-perskuzzjoni tal-insara wara tliet mitt sena ta' moħqrija krudili.

Baqgħet magħrufa sal-lum għal dan il-vjaġġ li hija għamlet fil-Palestina fis-snin 327-8 li skont kif iddeskrivih l-istoriku Ewsebju, jitqies bħala pellegrinaġġ. Riedet titlob fil-postijiet fejn mexa Kristu, għamlet ħafna opri ta' karità mal-fqar tal-post u fuq kollox xtaqet issib l-għuda tas-salib ta' Kristu. Hemm min jaħseb li dan il-vjaġġ kellu wkoll għan politiku – dak li ttejjeb ir-relazzjonijiet bejn il-popli tal-Lvant u binha Kostantinu. Hija mietet lejn tmiem is-sena 328 jew il-bidu tat-329 u ndifnet fil-masolew viċin il-knisja ta' San Marċellinu u San Pietru fi Triq Labicana, Ruma. Il-fdalijiet tagħha llum qegħdin fil-Vatikan.



Il-viżjoni tas-salib li ra Kostantinu

## Leġġendi dwar is-Sejba tas-Salib ta' Kristu

Fdalijiet tas-salib kienu diġà meqjuma fil-knisja tal-qabar ta' Kristu f'Ġerusalemm qabel is-sena 350. Dan jidher ċar mill-prietki ta' Ċirillu, Isqof ta' Ġerusalemm.[2] Wara s-7 ta' Mejju tas-sena 351 dan Ċirillu kiteb lill-Imperatur Kostanzju II fejn qallu li s-salib kien instab fi żmien ir-renju ta' Kostantinu I, iżda ma semmiex min kien sabu[3]. L-Imperatur Ġuljanu kien jemmen li dak li nstab kien ir-relikwa tas-salib u kien ċanfar lill-Insara talli kienu jaduraw relikwa[4]. Matul it-tieni nofs tar-raba' seklu wara Krisu, f'Ġerusalemm inħolqot il-leġġenda li kienet Elena li sabet is-salib. Din l-istorja malajr infirxet mal-Imperu Ruman kollu. Kien hemm tliet verżjonijiet tagħha, magħufin bħala l-leġġenda ta' Elena, il-leġġenda Protonika u dik ta' Ġuda Kirjakos. L-ewwel waħda nkitbet bil-Griek u bil-Latin minn Rufinju[5], Sockates[6], Sozomenu[7], Teodoretu[8], Ambroġ[9], Paulinu ta' ola[10] u Sulpiċju Severus[11]. It-tieni verżjoni kienet magħrufa biss fl-ilsien Sirjak u aktar tard ukoll f'dak Armen. F'din il-verżjoni li kienet parti mid-*Doctrina Addai* tal-Edesseni, minflok Elena, insibu lill-Imperatriċi fittizja Protonika li jgħidu li kienet tgħix fl-ewwel seklu. It-tielet verżjoni bdiet fil-Griek iżda daħlet ukoll fil-Latin u s-Sirjak u wara f'bosta ilsna

oħra. Din tirrakkonta kif Elena sabet is-salib bl-għajnuna ta wieħed Lhudi jismu Ġuda li wara kkonverta u ħa l-isem ta' Kiriakos. Din il-verżjoni saret l-aktar waħda popolari forsi minħabba li kien fiha laqta kontra l-Lhud. Aktarx minħabba s-sejba tas-salib li Elena ġiet meqjusa qaddisa kemm mill-Knisja Ortodossa fil-Lvant u kemm minn dik Rumana fil-Punent. Il-festa tagħha bdiet tiġi ċċelebrata fil-21 ta' Mejju fil-Lvant u fit-18 ta' Awwissu fil-Punent.


Santa Croce in Gerusalemme, Ruma


Il-Katidral ta' Trier, il-Ġermanja

Kostantinu kellu qima speċjali lejn is-salib li hu kien ra bħala viżjoni qabel battalja importanti fil-karriera tiegħu u kien attribwixxa r-rebħa tiegħu għas-salib. Għalhekk hemm min jaħseb li dan Kostantinu bagħat lil ommu tfittex is-salib f'Ġerusalemm. Dawn jgħidu li taha ittra mingħandu indirizzata lill-Isqof Makarju ta' Ġerusalemm. Elena minkejja li kellha mat-tmenin sena marret mimlija ħeġġa tfittex relikwi tal-passjoni ta' Kristu. Dak iż-żmien Ġerusalemm kienet qed terġa tinbena mill-ġdid wara li kienet inqerdet mill-Imperatur Ruman Adrijanu, li kien saħansitra bena tempju lil alla Venere fuq il-post fejn kienu jaħsbu li ndifen Ġesù. Jingħad ukoll li kienet twaqqfet statwa ta' Ġupiter fuq il-post tal-qabar imqaddes.

Għal madwar sena staqsiet bosta nies, kemm Insara u kemm Lhud biex tikseb tagħrif dwar fejn tista' ssib ir-relikwi konnessi mal-passjoni u l-mewt ta' Kristu sakemm fl-aħħar xiħ Lhudi, ċertu Ġuda, qalilha li s-salib kien midfun taħt it-tempju ta' Venere. Dejjem skont il-leġġenda, Elena daħlet f'dan it-tempju mal-Isqof Makarju u ordnat li jiġi mġarraf. Imbagħad tat bidu għal xi skavar fl-qrib u rnexxiela ssib tliet slaleb, erbat imsiemer, it-tabella tal-kundanna u affarijiet oħra li ntużaw fl-esekuzzjoni ta' Ġesù u taż-żewġ ħallelin. Dan kien jaqbel mad-drawwa tal-Lhud li jidfnu mal-kriminali l-oġġetti li jintużaw fl-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-mewt. Allura kellha l-problema li tagħraf


Il-Knisja tal-Qabar Imqaddes

liema minnhom kien dak ta’ Kristu. Ġabulha mara li kienet tbati b’marda serja. Meta din messet l-ewwel u t-tieni salib ma ġara xejn. Iżda meta messt mat-tielet salib fieqet b’mod mirakoluż. B’hekk kienu żguri li kien is-salib veru ta’ Kristu.



Uħud mir-relikwi fil-Knisja Santa Croce in Gerusalemme, Ruma.

F’dak il-post, Elena bniet il-knisja tal-Qabar Imqaddes ta’ Ġesù (imsejħa wkoll tas-Salib Imqaddes inkella tar-Resurezzjoni) u fiha tpoġġa s-salib taħt il-kura tal-Isqof Makarju. Skont San Pawlinu biċċiet żgħar tal-injam mis-salib kienu jinqatgħu ta’ kuljum u jingħataw lid-devoti li jmorru minn kullimkien, bla ma s-salib jiċkien. Il-leġġenda tgħid ukoll li Elena ħadet l-imsiemer u biex tgħin kemm tista’ lil binha, poġġiet musmar minnhom fl-elmu u ieħor fis-sarġ taż-żiemel tiegħu. Naturalment ħadet ukoll magħha lejn Ruma parti kbira mis-salib u relikwi oħra. Dawn għadhom sal-lum fil-knisja *“Santa Croce in Gerusalemme”* li tinsab Ruma. Akkwistat ukoll il-libsa ta’ Kristu li llum tinsab fil-Katidral ta’ Trier, fil-Ġermanja.




Parti mit-tabella ta’ mas-salib li tinsab fil-Knisja Santa Croce in Gerusalemme, Ruma.

## Il-Festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib li jagħti l-ħajja

Fil-liturġija tal-knisja hemm aktar minn festa waħda tas-Salib Imqaddes bħala strument tas-salvazzjoni. Il-Griegi jsejħulha **Ὕψωσις τοῦ Τιμίου Σταυροῦ** (litteralment, “Is-Salib Għażiż mgħolli ’l fuq”). Bil-Latin jgħidulha “**Exaltatio Sanctae Crucis”** li tfisser, “ Is-Salib Imqaddes imgħolli ’l fuq” li tista’ tiftiehem ukoll bħala t-trijonf tas-Salib.

Il-Knisja tal-Qabar Imqaddes ta’ Ġesù li bniet Elena kienet imbierka disa’ snin wara s-sejba tas-salib fis-sena 326 WK u fiha tqiegħdet parti mis-salib imqaddes[12]. Fis-sena 614WK din il-parti tas-salib ittieħdet mill-Persjani u baqa’ mitluf għal erbatax-il sena sakemm inkiseb lura mill-Imperatur Bizantin Heraclius. Dan l-ewwel ħa l-injama tas-salib għal ftit fil-belt ta’ Kostantinopli u s-sena ta’ wara (629WK) poġġieh lura fil-knisja tiegħu f’Ġerusalemm. Il-festa tas-salib issir fuq jumejn fit-13 u l-14 ta’ Settembru, l-ewwel jum jimmarka d-data meta l-Knisja tal-Qabar Imqaddes kienet ikkonsagrata u t-tieni jum meta wasal is-salib fil-knisja, fis-sena 335WK.

Fil-punent il-Knisja Kattolika tuża lbies liturġiku aħmar f’din il-festa u jekk din tinzerta l-Ħadd, il-liturġija tagħha tirbaħ fuq dik li jkun imiss dakinhar.

Fil-Lvant il-festa tas-salib tfakkar kemm is-sejba tiegħu fis-sena 326WK u kemm meta ġie rkuprat fis-sena 628WK u hija meqjusa bħala waħda mill-ikbar festi tal-knisja. L-14 ta’ Settembru huwa jum ta’ sawm u astinenza (ie la jittiekel

laħam, la ħut u lanqas prodotti tal-ħalib). Il-festeġġjamenti jibdew jum qabel u jibqgħu sejrin għal tmint ijiem wara. Matul il-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Settembru ssir velja ta' talb quddiem salib li jitqiegħed apposta fuq il-mejda tal-altar. Taħtu jitqiegħed gabarrè miksi b'velu u mżejjen b'weraq friski tal-ħabaq u fjuri, waqt li quddiemu jkun hemm xemgħa tixgħel.



Eżaltazzjoni tas-Salib, Très Riches Heures du Duc de Berry (Musée Condé, Chantilly)

F'ħin minnhom, il-qassis jieħu s-salib u jpoġġih f'nofs il-knisja waqt li l-kor ikanta innu tal-okkażjoni li jgħid xi ħaġa hekk: "O Mulej salva l-poplu tiegħek u bierek il-wirt tiegħek u agħti lill-Insara Ortodossi[13] r-rebħa fuq l-għedewwa, u bil-qawwa tas-salib tiegħek, żomm sħiħa l-wirt tiegħek".

Imbagħad il-qassis, jew l-isqof jekk ikun f'katidral inkella l-abbati f'monasteru, jieħu s-salib f'idejh u jgħollih 'il fuq minn rasu waqt li jkanta vers u l-kor ikanta b'risposta '*Kyrie eleison*[14]' għal mitt darba. Waqt dan il-kant il-qassis jagħmel is-sinjal tas-salib tliet darbiet bl-istess salib li jkollu f'idejh u bil-mod jitbaxxa sal-art u jerġa' jqum bilwieqfa u jerġa' jgħolli s-salib 'il fuq minn rasu bħal qabel. Din iċ-ċerimonja jirrepetiha erba' darbiet oħra, waħda f'kull direzzjoni tal-pinnur. Imbagħad il-kleru u l-insara jbaxxu mal-art u kollha flimkien ikantaw "quddiem is-Salib Tiegħek inbaxxu rasna biex nadurawk O Mulej, u nsebbħu l-Qawmien Tiegħek" għal tliet darbiet u mal-kelmiet "il-Qawmien Tiegħek" iqumu bilwieqfa. Fl-aħħar l-Insara jersqu jbusu b'qima s-Salib u jirċievu l-barka mill-qassis. Matul il-bews tas-salib il-kor ikanta innu apposta msejjaħ 'stichera'. Matul it-tmint ijiem ta' wara, is-salib jitħalla f'nofs il-knisja għall-kumdità tal-insara li kienu jqimuh kull meta jidħlu u joħorġu mill-knisja. Fi tmiem il-festa, il-qassis u d-djaknu jduru mas-salib jinċensawh u wara solennement joħduh lura fis-santwarju qaddis fejn jinżamm sal-festa tas-salib li jkun imiss[15].



## Xi Festi oħra tal-Eżaltazzjoni tas-Salib li jagħti l-ħajja – fil-Knejjes tal-Lvant

- Fil-Knisja Apostolika Armena ssir sawma ta' ħamest ijiem magħrufa bħala tas-Salib Imqaddes, bejn l-**10 u l-14 ta' Settembru** bi tħejjija għall-festa tas-

Salib Imqaddes li tiġi ċċelebrata fil-15 ta' Settembru. Imbagħad fis-16 tax-xahar jibdew jiċċelebraw l-Eżaltazzjoni tas-Salib, festa li ddum għaddejja xi ġranet. Dil-festa ta' Settembru jqisuha bħala l-aktar importanti fost l-erba' festi tas-Salib u waħda mill-ikbar ħames festi tal-Knisja Armena. Skont it-tradizzjoni ta' dil-knisja, kien San Ġakbu (wieħed mill-'aħwa' tal-Imgħallem) l-ewwel li eżalta s-salib. Il-Ħadd ta' qabel l-14 ta' Settembru jsir it-tberik tal-għelieqi. Matul din iċ-ċerimonja s-salib proċessjonali jiżżejjen bil-weraq tal-ħabaq u jitbierku wkoll l-erba' naħat tal-knisja li jfisser it-tberik tad-dinja. Imbagħad nhar il-Ħadd l-eqreb lejn it-28 ta' Settembru jiċċelebraw is-Salib Imqaddes ta' Varak, b'tifkira tar-replika awtentika tas-salib li tqegħdet fl-Armenia fit-tielet seklu. Naturalment din hija festa unika għall-Armenja. Fis-26 t'ottubru jiċċelebraw is-sejba tas-Salib minn Sant'Elena fis-sena 327WK.





Il-Monasteru tas-Salib, Varak, fl-Armenia

- Fil-Knisja Ortodossa tal-Etjopja (Tewahedo) jiċċelebraw is-sejba tas-Salib nhar il-*Meskerem* 17 tal-kalendarju Etjopjan, li jikkorrispondi għall-**14 ta' Settembru** [16]fil-kalendarju ta' Ġulju jew is-27 tal-istess xahar tal-kalendarju Gregorjan li nimxu miegħu llum aħna. Il-Patrijarka Ortodoss jixgħel ħuġġieġa kbira fl-ikbar pjazza tal-belt kapitali Addis Ababa, Misraħ Maskal[17], u fi bliet oħra jqabbdu wkoll ħġejjeġ fil-pjazez il-kbar. Eluf iduru mal-ħoġġieġa waqt li jkantaw innijiet reliġjużi. Il-ħuġġieġa tfakkar li skont it-tradizzjoni Sant Elena ndunat fejn kellha tfittex għas-salib billi rat lil fejn kien sejjer id-duħħan ta' ħuġġieġa kif ukoll għax permezz ta' għadd kbir ta' ħġejjeġ hija tat is-sinjal lil biha Kostantinu li kien irnexxiela ssib is-salib.
- Fil-Knisja Ortodossa Sirjana Malankara, fil-festa tas-Salib li ssir fl-**14 ta' Settembru**, jagħmlu offerta speċjali imsejjħa *panchasarayumanda*. L-aktar famuża għal din l-offerta hija l-Belt ta' Ernakulam, fid-distrett ta' Kerala fl-Indja, fejn hemm il-



Relikwarju tas-Salib Imqaddes

Knisja Akaparambu Mor Sabor Mor Aphroth, waħda mill-eqdem fid-djoċesi ta' Ankamali. Mor Sabor u Mor Aphroth kienu żewġ predikaturi (wara aktarx saru isqfijiet) li fis-sena 822WK marru l-Indja flimkien ma' grupp ta' immigranti nsara mis-Sirja u bdew jippritkaw l-Evanġelju.

- Il-Knisja Assirjana tal-Lvant tiċċelebra s-sejba tas-Salib Imqaddes fit-**13 ta' Settembru** u żżomm din il-ġurnata bħala waħda mill-akbar festi. F'din il-knisja s-sinjal tas-salib huwa meqjus bħala s-seba' sagrament li bih is-sagramenti l-oħra jsibu l-milja tagħhom[18].
- Il-Knisja Ortodossa Russa tiċċelebra l-miġja ta' relikwa tas-Salib Imqaddes li ttieħed minn Malta lejn Gatchina[19], fit-**12 t'Ottubru**. Ġara li meta fl-1798, Napuljun keċċa l-Kavalliera ta' San Ġwann minn Malta, ħafna minnhom sabu refuġju fil-belt ta' San Pietruburgu, fejn saħansitra għażlu lill-Imperatur Russu l-Kżar Pawlu I bħala l-Gran Mastru[20] tagħhom biex jieħu post Hompesch[21]. F'Awwissu 1799 il-Kżar offrielhom palazz kbir f'Gatchina u fit-12 t'Ottubru 1799 il-kavallieri daħlu fih u b'rikonoxxenza huma offrewlu r-relikwi sagri[22] li kellhom il-Kżar ma damx ma ħa dawk ir-relikwi prezzjużi fil-belt ta' San Pietruburgu.
- Fil-Knisja Ortodossa tal-Lvant, fis-**6 ta' Marzu** jikkommemoraw l-anniversarju tas-sejba tas-Salib u tal-Imsiemer minn Sant Elena. Din mhix festa kbira bħal dik tas-Salib li ssir fl-14 ta' Settembru li fil-fatt hija l-anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-Knisja tas-Santu Sepulkru.
- Fil-bidu tas-sbatax-il seklu fi Franza, l-festa tas-sejba tas-Salib bdiet tiġi ċċelebrata fit-**3 ta' Mejju**, filwaqt li d-data tal-14 ta' Settembru bdiet tfakkar ir-rebħa tal-Imperu Bizantin fuq il-Persjani fis-sena 627. Bħala riżultat ġew irkuprati mhux biss artijiet imma anke relikwi importanti inkluż is-Salib ta' Kristu li kienu ntilfu jew inħatfu minn Ġerusalemm fis-sena 614.
- Il-Knisja Ortodossa tal-Lvant u l-Kattoliċi tal-Lvant ifakkru l-Festa tal-Purċissjoni tal-Injam tas-Salib Imqaddes fl-1 t'Awwissu, jum li jaħbat mal-bidu tas-sawma ta' ġimgħatejn imsejjħa s-Sawma Dormizjana li matulha la jittiekel laħam (kemm jekk aħmar jew tat-tjur), la ħut u lanqas bajd, ħalib, żejt u nbid jew prodotti magħmulin minnhom. Imqabbla mal-festa tal-14 ta' Settembru din hija festa żgħira u nieqsa miċ-ċeremonji tas-Salib. Il-festa bdiet fil-Belt ta' Kostantinopli[23] fejn lejlet il-festa, fil-31 ta' Lulju r-relikwa tas-Salib Veru ta' Kristu kienet tinġarr mill-Palazz Imperjali sal-Knisja l-Kbira tal-Għerf t'Alla (Ħaġia Sofija) u titqiegħed fuq l-artal. Imbagħad l-għada r-relikwa titqiegħed f'nofs il-knisja għall-qima tal-poplu u tul il-ġimgħatejn li jmiss tinħareġ ta' kuljum għall-purċissjoni fit-toroq. Sakemm il-purċissjoni tgħaddi mit-toroq isir talb lil Alla biex ibierek il-belt u biex jieqaf mal-morda. Jidher li Awwissu kien żmien meta l-mard jiżdied sewwa f'dik il-belt. Imbagħad fil-15 t'Awwissu terġa' tittieħed lura lejn il-Palazz. Il-festa tal-lum bdiet bi ftehim bejn l-Ortodossi Griegi u dawk Russi biex ifakkru żewġ rebħiet militari fis-seklu tnax, dik tal-Imperatur

Bizantin Manwel I fuq il-Bulgari u dik tal-Prinċep Russu Andrei Bogolyubsky fuq is-Saraċini. Fl-1 t'Awwissu jsir ukoll it-tberik tal-ilma.



## Festi li jiċċaqilqu

B'żieda ma' dawn il-festi li jsiru f'dati fissi hemm festi oħrajn tas-Salib li jimxu skont iċ-ċiklu tal-Għid. Fil-knejjes Kattoliċi, kemm dik Rumana u kemm dawk Ortodossi ssir l-adorazzjoni tas-Salib nhar il-Ġimgħa l-Kbira. L-insara tal-lvant jagħmlu l-qima tas-Salib oħra fit-tielet Ħadd tar-Randan. Din iċ-ċelebrazzjoni tixbaħ lil dik li ssir fl-14 ta' Settembru bis-salib jitpoġġa f'nofs il-knisja u matul ir-raba' ġimgħa tar-Randan issir il-qima f'diversi ħinijiet u ġranet.

**Referenzi**

1 Sant Ambroġ kien l-ewwel wieħed li qal li kienet *stabularia,* jiġifieri serva tal-istalel inkella seftura f'lukanda.

2 *Cat*. 4.10, 10.19, 13.4 paġ 33, 467ff, 685-687, 777.

3 *Ep. ad Const*., 3 paġ 33, 1168B.

4 *Contra Gal*. 194C.

5 *Stor. Ekkl*., 10.7-8.

6 *Stor. Ekkl,*. 1.17 *PG* 67, 117ff.

7 *Stor. Ekkl*., 2.1-2.

8 *Stor. Ekkl*., 1.18.

9 *De obitu Theod*., 40-49.

10 *Epist*., 31.4-5.

11 K*ron*. 2.22-34.

12 Terz mis-salib tħalla f'Ġerusalemm, terz ittieħed Ruma fil-bażilika imsejjħa Tas-Salib f'Ġeusalemm u l-aħħar parti ttieħdet Konstantinopli.

13 Ġieli minflok il-kelmiet 'l-Insara Ortodossi' jgħidu 'l-Insara tal-Fidi Vera'.

14 Ħenn għalina.

15 ***Erba'*** festi oħra tas-salib, meqjusa iżgħar minn dik ta' Settembru jsiru f'dati oħra matul is-sena.

16 Fit-28 ta' Settembru, jekk is-sena tkun bisestili.

17 Maskal tfisser salib.

18 Dan jieħu post is-sagrament taż-żwieġ li ma jissemmiex fil-lista tas-sagramenti tagħhom.

19 Il-belt ta' Gatchina tinsab madwar 45 kilometru fin-nofsinhar ta' San Pietruburgu, fir-Russja.

20 Fid-29 ta' Novembru 1798.

21 Hompesch abdika fl-1799 wara pressjoni mill-Awstrija.

22 biċċa mis-Salib ta' Kristu, l-ikona tal-Madonna miġjuba minn Filermos u l-id il-leminija ta' San Ġwann il-Battista.

23 Illum Istanbul, fit-Turkija.

# Ir-Relikwa tax-Xewka mill-Kuruna ta' Kristu

**Minn Lorenzo Zahra**



Ftit jafu li x'teżor għandna hawn Malta minn dak li kienu ġabu magħhom fostna l-Kavallieri ta' San Ġwann. Fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann din l-Ordni ħallitilna erba' relikwi tassew insinji li kellhom x'jaqsmu mal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Dan l-għaliex il-kavallieri kienu fost l-ewlenin insara li f'Ġerusalemm għarfu jżommu b'għożża t-tifkiriet tal-Passjoni.

Min jidħol fil-Kappella ta' San Karlu Borromeo, illum magħrufa bħala tal-lingwa Anglo-Bavarjana, għandu jiftakar li oriġinarjament din kienet il-Kappella tar-relikwi. Fil-fatt min iħares lejn il-kwadru titulari tal-artal jara żewġ niċeċ bir-relikwarji, wieħed tal-fidda u l-ieħor tal-injam indurat bid-deheb li jiġbru fihom għadd ta' relikwi.

Fir-relikwarju tal-fidda fil-lok numru 8 tinsab xewka mill-kuruna li biha kien inkurunat Ġesù fil-Pretorju ta' Pilatu. Ta' min jgħid li fil-bidu din kienet f'ostensorju tad-deheb, imma meta ġiet l-armata ta' Napuljun l-ostensorju tad-deheb ħaduh u ħallew ir-relikwi kollha fuq l-artal. Kien bis-saħħa tal-Isqof Mons Sant li żmien wara inġabru f'din l-urna tal-injam ir-relikwi mitluqa hemm mill-Franċiżi.

Fil-21 ta' Jannar 1632, l-Ordni kienet ġabet minn Ruma digriet biex ikollha konferma għal qima lejn dawn ir-relikwi. L-istoriċi Giacomo Bosio[1] kif ukoll Pacciandi[2] jsemmu din ir-relikwa li ta' kull sena l-Ordni kienet tiffesteġġja nhar il-11 ta' Mejju.

Mons Paolo Buttigieg li kiteb dwar din ir-relikwa jirrakkonta li f'Rodi din ix-xewka kienet dehret tisponta fjur propju nhar il-Ġimgħa l-Kbira. Dan huwa fatt misterjuż deskritt u reġistrat fil-Bullarju tas-sena 1457-1458, paġna 182.

Interessanti ħafna illi fl-istess volum, f'paġna 307, wieħed jara lista ta' ismijiet ta 'dawk li ffirmaw biex jagħtu xhieda ta' dak li raw b'għajnejhom. L-istess Mons Buttigieg jgħid li dan il-fatt ġara wkoll darb'oħra meta fl-1531 AD din ir-relikwa ġiet esposta fil-Birgu fuq l-artal tal-Knisja Konventwali ta' San Lawrenz fil-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa ta' dik is-sena.

**Referenzi**

1 Cronache delle Religione. Giacomo Bosio twieled fl-1544 fi Chivasso fil-Provinċja ta' Turin u miet Ruma fl-1627. Kien kavallier Taljan fl-Ordni ta' San Ġwann li meta kien Ruma bħala rappreżentant


White Brothers Ltd.
• Haulage • Lifting • Customs • Services
St Bernard Street, Marsa HMR 12, MALTA.
TEL: (+356) 245 512 FAX: (+356) 247 374.
Since 1947 White Brothers Limited continue to dominate the local Cargo Handling scene, servicing Shipping and Forwarding Agents as well as local importers and exporters
Your own agent in Malta ...and Beyond
Apart from its services to the Petrochemical Industry, providing anything from personnel transfers to storage, from pipe inspections to offshore activity, the company also renders services in other areas.
Break-bulk facilities for Sea/Air freight, Customs clearance and deliveries to/from door, Container de/stuffing, Customs-bonded warehousing for Transhipment Cargo, Handling Plant & Machinery and Heavy Lifts are amongst the services offered both to its local and international clients.
Visit our website or call our marketing department to find out more about
Malta's favourite cargo agent.
website at www.whitebrosmalta.com



L-artal tal-Kappella tar-Relikwi (Lingwa Anglo-Bavarja) fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann

tal-Ordni kiteb l-istorja tal-Ordni mill-bidu sas-sena 1571, bl-isem ***Dell'istoria della Sacra Religione, Giovanni di Santo dell'illustrissima milizia Gierosolimitano***. Bosio kien ta l-manuskritt lill żewġ Franġiskani li qasmu kitbietu fil-forma kif nafuha llum: erbgħin ktieb imqassmin fi tliet volumi li kienu stampati bħala fuljetti f'Rome fl-1621, 1629/30 u 1678 u wara f'Napli fl-1684. Din l-istorja tkompliet mill kavallier Bartolomeo dal Pozzo li wasal sas-sena 1688 u stampa f'Verona fl-1703 f'żewġ volumi u wara f'Venice fl-1740 bit-titlu *Historia della Sacra di religione militare S. Giovanni Gerosolimitano, della Malta*. Bosio kiteb ukoll *Corona del Cavaliere Gierosolimitano*, stampat f'Ruma fl-1588, it-*Triomphante e gloriose Croce*, ippubblikat f'Ruma fl-1610 u maqlub għal-Latin bl-isem *Crux triumphans* fl-1617, u *Imagini de Beati è Santi della sacra religione di santo Giovanni Gierosolimitano* li kien mitbugħ f'Palermo fl-1633 kif ukoll f'Napli fl-1653.



Giacomo Bosio

2 Antiquitates Christianae

# L-Istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira

**Minn Flask Joseph**

## Daħla

Fil-pajjiżi b'kultura kattolika, bħal Malta, jeżistu bosta tradizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Ġimgħa l-Kbira, b'uħud minnhom imorru lura sew fis-snin. Fosthom hemm il-*plays* u l-*pageants*, li f'Malta saru ferm popolari, u b'mod żbaljat, hemm min jaħseb li huma xi drawwa ta' żmienna.

## Storja

Fil-fatt dawn kienu diġà jeżistu, sa minn żmien il-Medjevu, meta gruppi varji kienu jagħmlu r-reċti tal-Passjoni fit-toroq. Waħda minn dawn ir-reċti tas-seklu XII kienet instabet u nqalbet għall-Malti mill-Monaku Benedittin Dom Mawru Inguanez OSB, mill-Isla, meta kien Arkivista fl-Arċiabbazija ta' Montecassino. Dom Mawru, bejn l-1947-1955 kien ukoll Biblijotekatju Ewlieni fil-Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta.

Imma l-iktar drawwa popolari, żgur hija dik tal-Purċissjonijiet bl-Istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira. Dawn il-purċissjonijiet li, l-għan ewlieni tagħhom hu li jfakkru l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu u jxerrdu d-devozzjoni lejn dan il-Misteru tal-Fidwa, jafu l-bidu tagħhom lill-Ordni tal-Franġiskani Minuri, li sal-lum għadhom jieħdu ħsieb il-Qabar ta' Kristu fl-Art Imqaddsa. Mill-Art Imqaddsa il-Purċissjonijiet bdew isiru f'dawk il-pajjizi, speċjalment fejn kienu stabbilixxew ruħhom il-Franġiskani. F'għadd ta' pajjiżi oħrajn kienu l-Patrijiet tal-Kumpanija ta' Ġesù (il-Ġiżwiti) kienu l-protagonisti ewlenin li qajmu u taw ħajja mill-ġdid lil dawn id-drawwiet sagri konnessi mal-Ġimgħa l-Kbira.

Kellhom jgħaddu s-snin, iżda, qabel ma dawn il-Purċissjonijiet bdew isiru f'pajjiżi differenti u li kienu jixbħu ħafna anki lill-purċissjoinijiet li jsiru llum, f'bosta Bliet u Rħula f'Malta u Għawdex. Għalkemm ħafna jattribwixxu li l-Purċissjonijiet bl-Istatwi tal-Misteri tal-Ġimgħa l-Kbira lill-Ispanjoli, li fis-seklu XVI diġà kellhom Imperu kbir u numru kbir ta' Kolonji u Territorji dipendenti, mhux eskluż li huma wirtu u ħadu ħafna mid-drawwiet u t-tradizzjonijiet tal-Liguria, reġjun fit-tramuntana tal-Italja.

Il-parti l-kbira tal-abitanti ta' dan ir-Reġjun kienu baħħara u għalhekk sfruttaw il-baħar biex bil-vjaġġi tagħhom joħolqu firxa kbira ta' kummerċ speċjalment ma' dawk il-pajjiżi li jagħtu għal fuq il-baħar, l-aktar ma' bliet li kellhom portijiet importanti li mhux biss kienu joffru kenn imma setgħu wkoll joffru bażi (illum ngħidu *hub*) minn fejn il-merkanzija setgħet tinbiegħ jew titwassal f'portijiet oħrajn

jew fi Bliet u Rħula 'l bogħod mill-baħar. F'Genova, il-belt kapitali tal-Ligurja u port ewlieni fil-Mediterran, sa mis-seklu XV diġà kienu jeżistu l'hekk imsejħa *casazze genovesi*, wirjiet sagri ta' xeħta penitenzjali speċjalment fil-ġranet tar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa u li kienu jilħqu l-qofol tagħhom nhar il-Ġimgħa l-Kbira. Konsegwentement, bħalma dejjem jiġri, il-baħħara Liguri, ġarrew magħhom drawwiethom kull fejn stabblixxew ruħhom. Ta' min ifakkar ukoll li l-Ispanjoli u l-Liguri, speċjalment fil-pajjiżi tal-parti t'isfel tal-Mediterran, kellhom speċi ta' konvivenza bejniethom, l-aktar ta' xeħta kummerċjali. Għaldaqstant, ma jistax ikun eskluż li anki fl-oqsma "spiritwali" partikularment dawk konnessi mal-Ġimgħa Mqaddsa (=Ġimgħa l-Kbira), setgħet inħolqot taħlita ta' drawwiet li żviluppaw fir-rappreżentazzjonijiet xeniċi permezz tal-arti figurativa tal-Misteri tal-Passjoni. Dan li għadni kemm għidt huwa rifless tajjeb f'diversi Bliet u u Rħula fi Sqallija fejn il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira huma ferm popolari, mhux biss, imma kontra qalbi ikolli ngħid li huma wkoll iktar devoti minn uħud minn dawk li jsiru f'pajjiżna (sic!). Persważ li bosta Maltin huma midħla tal-purċissjonijiet Sqallin, imma nixtieq nillimita ruħi, għar-raġunijiet ta' spazju u nuri interess fil-purċissjoni li ssir fil-Belt ta' Trapani, li tmur lura għall-bidu tas-seklu XVI.

## Trapani

Kienu l-Ġiżwiti li mal-wasla tagħhom fi Trapani, fl-1581, waqqfu l-"Konfraternità tad-Demm Prezzjuż ta' Kristu u tal-Misteri" li, iktar tard, ingħaqdet ma' dik ta' San Mikiel u flimkien taw bidu għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kif għadha ssir sal-lum. Din il-Konfraternità kienet diġà teżisti fi Spanja sa mis-seklu XIV, u inċidentalment twaqqfet fi Trapani proprju fl-eqqel tal-ħakma Spanjola fi Sqallija li damet mill-1412 sal-1713. Fi Spanja, fil-fatt, ir-rappreżentazzjonijiet sagri, fosthom dawk konnessi mal-*misterios*, mal-Ġimgħa l-Kbira, kienu organizzati u mmexxijja minn Konfraternitajiet Reliġjużi. Kienu rappreżentazzjonijiet drammatiċi li fihom jieħdu sehem persunaġġi lebsin ta' anġli, xjaten u divinità. Imma proprju minħabba d-drammatiċità tagħhom li spiss kienet tmur lil hemm mill-Iskrittura, il-Konċilju ta' Trento (1545-1563) qatagħhom u kien ippermetta li minflok isiru statwi, bil-kundizzjoni, li jkunu konformi ma dak li hemm fl-Iskrittura.

Anki fi Trapani, l-ewwel statwi ħadu post il-gruppi ta' persunaġġi – tamburini, penitenti, atturi jiddijalogaw u jirreċtaw siltiet mill-Passjoni – li kien ilhom janimaw u jterrqu mal-belt ta' Trapani. Maż-żmien, anki minħabba raġunijiet finanzjarji, l-Istatwi ġew mogħtija lill-gruppi ta' persuni partikulari li kellhom l-inkarigu li jieħdu ħsiebhom f'kull sens. L-ewwel statwa li saret kien dik tat-"Telgħa tal-Kalvarju" (1612). Fis-seklu XVII, statwarji u artisti magħrufa minn Trapani, tqabbdu jagħmlu statwi oħrajn (18-il Statwa) maħdumin bl-injam, sufra, drapp u kolla. Anki s-seklu XVIII ma kienx inqas minn ta' qablu, imma kien wieħed importanti għaliex il-purċissjoni saret iktar organizzata. Apparti minn hekk żdiedu l-istatwi ta' "Kristu Mejjet" (il-Monument) u "Id-Duluri", biex b'hekk saru 20 statwa b'kollox.

# Uħud mill-Vari ta' Trapani




















PUSHKA.
The Strand, Sliema
Triq Sciortino, Zebbug
+356 2131 3156
+356 2746 0100
pushkamalta@gmail.com

Sfortunatament, waqt il-Gwerra l-Kbira II, Trapani, kienet spiss il-mira ta' Air raids u fl-1943 intlaqtet u ġġarfet il-Knisja ta' San Mikiel fejn kienu jinżammu l-Istatwi li uħud minnhom ġarrbu ħsarat. Tnejn minnhom "Kristu mniżżel minn fuq is-Salib" u "Kristu mtella' bis-Salib", iżda, kienu ġew restawrati fl-1951.

## Malta

Mhux se nidħol f'ħafna dettalji, għaliex dwar il-Ġimgħa l-Kbira u drawwietha f'Malta nkiteb ħafna. Madankollu, nixtieq infakkar li, anki f'Malta, id-devozzjoni lejn il-passjoni u l-mewt ta' Kristu għandha għeruq qodma u minn dejjem missew qalb il-Maltin. Huwa fatt magħruf li l-Kavallieri ta' San Ġwann, iktar tard ta' Malta, fost ir-Relikwi li ġabu magħhom minn Rodi, uħud minnhom kienu konnessi mal-passjoni u b'hekk kompliet titkattar id-devozzjoni popolari lejn dawn il-Misteri. L-ewwel purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kellha konnessjoni mal-Franġiskani Minuri tal-Kunvent Santa Marija ta' Ġesù, u għalhekk saret fir-Rabat (Malta) fis-seklu XVI mill-Konfraternità ta' San Ġużepp. Fl-1654 bdiet issir ukoll fil-Belt mill-istess Franġiskani Minuri u sal-lum għadha toħroġ mill-Knisja tal-Kunvent Santa Marija ta' Ġesù, magħrufa aktar bħala "ta' Ġieżu". Bħal fi Sqallija, l-istatwi kienu propjetà tal-Konfraternità wkoll jekk uħud minnhom kienu proprjetà ta' xi familji privati. Lejn tmiem is-seklu XVII, wara r-Rabat u l-Belt, bliet u rħul oħra tħajjru jorganizzaw purċissjoni nhar il-Ġimgħa l-Kbira, u tradizzjonalment huma l-istess li għadhom jorganizzawhom sal-lum. Ovvjament l-għadd tal-istatwi mhux kullimkien l-istess.

Fl-opinjoni tiegħi, il-vari Maltin, fil-parti l-kbira tagħhom, mhumiex daqstant barokki bħal dawk li nsibu fi Sqallija jew fi Spanja. Huma ta' xeħta devota u jagħtu iktar sens ta' niket u ta' tbatija anki jekk l-istil tagħhom jixbah xi ftit jew wisq dawk ta' Sqallija u Spanja. Minkejja dan huwa minnu wkoll, li f'xi rħula, insibu statwi fejn id-devozzjoni hija xi ftit jew wisq imxellfa minħabba li ngħataw prominenza l-feriti u d-dmija ħerġin minnhom. Jista' jkun, imma, li dan sar biex jiġbdu l-għajn ta' dak li jkun. Interessanti li l-ewwel vari tal-Ġimgħa l-Kbira maħdumin minn Malti kien fl-ewwel nofs tas-seklu XVIII. Dan kien Mastro Saverio Laferla li bejn l-1739 u l-1742, ħadem l-ewwel set għall-Franġikani ta' Ġieżu.

F'Malta, għall-bidu, il-purċissjonijiet mhux dejjem kienu joħorġu f'jum il-Ġimgħa l-Kbira. Fl-1879, iżda, Mons. Carmelo Scicluna (1800-1888) Isqof ta' Malta, ħareġ ordni, biex li l-purċissjonijiet kollha jsiru f'jum il-Ġimgħa l-Kbira. Minn xi 50/60 sena 'l hawn bdew jiżdiedu nies lebsin kostumi ta' karattri Bibbliċi. Persważ li l-għan huwa tajjeb u ġenwin, biex b'hekk jagħtu aktar ħajja lil din il-ġrajja. Imma wisq nibża' (u din hija opinjoni tiegħi biss u nirrispetta l-opinjoni ta' ħaddieħor) li għar-raġunijiet varji l-għan aħħari mhux dejjem jintlaħaq u l-għadd eżaġerat tal-karattri, tal-kostumi, il-kuluri u l-għamla tal-ilbies (bħal fil-każ tas-suldati Rumani), aktarx itellfu mid-devozzjoni u l-ġabra li suppost għandu jkollha din il-purċissjoni partikulari. Imma wara kollox bħalma ngħidu… gosti! u mhux bilfors kulħadd irid jifhimha xorta.

Issetjat u Stampat: Best Print Ltd, Qrendi


AFFORDABLE PROTECTION
MOTOR
TRAVEL
HOME
BUSINESS
MARINE
QICI
QIC International LLC
Untours Insurance are agents for QICI and are licensed by the MFSA.
QIC International LLC are rated A+ by Standard and Poor's.
CALL US TODAY 255 98 000
insurance@untours.com.mt
Old Bakery Street, Valletta VLT 1450, Malta
www.uinsure.com.mt
UNTOURS INSURANCE

# NightFEST @Ħaż-Żebbuġ

## Is-Sibt, 10 ta' Mejju 2014
## mis-7.00pm 'il quddiem

**Spettaklu varjat għall-familja kollha.**

## Dettalji Dalwaqt





www.visitMALTA.com

Ministeru għat-Turiżmu
Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali